San Lawrenz	1/12 indiviż mill-Art fi Triq ir-Rokon tal-kejl 130m.k. u in parti part dealing ta' 54000914	Stellini Joseph et	2538/2021 Gozo
San Lawrenz	*1/12 undivied share of land in Triq ir-Rokon covering an area of 130s.m. and in part part dealing of 54000914*	*Stellini Joseph et*	
San Lawrenz	1/12 indiviż mill-Art fi Triq ir-Rokon tal-kejl 217m.k. u in parti part dealing ta' 54000913	Stellini Joseph et	2539/2021 Gozo
San Lawrenz	*1/12 undivided share from land in Triq ir-Rokon covering an area of 217s.m. and in part part dealing of 54000913*	*Stellini Joseph et*	
San Lawrenz	1/3 indiviż Dar Nru. 17, fi Triq ir-Rokon	Stellini Joseph et	2540/2021 Gozo
San Lawrenz	*½ undivided share of house No. 17, in Triq ir-Rokon*	*Stellini Joseph et*	
San Lawrenz	1/15 indiviż mill-Art fi Triq San Lawrenz tal-kejl 68m.k. u in parti part dealing ta' 54000915	Stellini Joseph et	2543/2021 Gozo
San Lawrenz	*1/15 undivided share from land in Triq San Lawrenz covering an area of 68s.m. and in part part dealing of 54000915*	*Stellini Joseph et*	
Ta' Sannat	B'dan qed navża li rċivejt mingħand in-Nutar Mariosa Grech applikazzjoni LRA 2546/2021 korrezzjoni tal-applikazzjoni	Rapa Anthony et	2546/2021 Gozo
Ta' Sannat	*I am here by giving notice that I have recevied from Notary Mariosa Grech application LRA 2546/2021 correction of application*	*Rapa Anthony et*	
Ta' Sannat	Proprjetà Nru. 49, Ta' Xaman, tal-kejl 220m.k.	Azzopardi Paul	2568/2021 Gozo
Ta' Sannat	*Property No. 49, Ta' Xaman, covering an area of 220s.m.*	*Azzopardi Paul*	
Ta' Sannat	1/5 indiviż minn porzjon diviż mill-art Ta' Durell tal-kejl 1337m.k.	Galea Rosanna et	2575/2021 Gozo
Ta' Sannat	*1/5 undivided share of divided portion of land Ta' Durell covering an area of 1337s.m.*	*Galea Rosanna et*	

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	LR-A *LR-A*
Ta' Sannat	13/60 indiviż mill-Art Ta' Durell tal-kejl 1337m.k. u in parti transferiment ta' LRA 2575/21	Galea Josephine et	2576/2021 Gozo
Ta' Sannat	*13/60 undivided share of land ta Durell covering an area of 1337s.m. and in part transfer of LRA 2575/21*	*Galea Josephine et*	
Ta' Sannat	1/20 indiviż mill-art Ta' Durell tal-kejl 1337m.k. u in parti transferiment ta' LRA 2575/21	Muscat Giorgia et	2577/2021 Gozo
Ta' Sannat	*1/20 undivided share of land Ta' Durell covering an area of 1337s.m. and in part transfer of LRA 2575/21*	*Muscat Giorgia et*	
Ta' Sannat	1/20 indiviż mill-Art Ta' Durell tal-kejl 1337m.k. u in parti transferiment ta' LRA 2575/21	Galea John et	2576/2021 Gozo
Ta' Sannat	*1/20 undivided share of land Ta' Durell covering an area of 1337s.m. and in part transfer of LRA 2575/21*	*Galea John et*	
Ta' Sannat	1/5 indiviż mill-art Ta' Durell tal-kejl 1337m.k.	Bondin Carmel	2579/2021 Gozo
Ta' Sannat	*1/5 undivided share of land Ta' Durell covering an area of 1337s.m.*	*Bondin Carmel*	
Ta' Sannat	Porzjon art Ta' Durell tal-kejl 27m.k. u in parti transferiment ta' LRAs 2757-2579/21	Excel Investments Limited	2580/2021 Gozo
Ta' Sannat	*Portion of land Ta' Durell covering an area of 27s.m. and in part transfer of LRAs2757-2579/21*	*Excel Investments Limited*	
Ta' Sannat	Porzjon art Ta' Durell tal-kejl 1007m.k. u in parti transferiment ta' LRAs 2757-2579/21	Excel Investments Limited	2581/2021 Gozo
Ta' Sannat	*Portion of land Ta' Durell covering an area of 1007s.m. and in part transfer of LRAs 2757-2579/21*	*Excel Investments Limited*	
Ta' Sannat	Porzjon art Ta' Durell tal-kejl 388m.k. u in parti transferiment parzjali ta' LRAs2575-2579/21	Excel Investments Limited	2582/2021 Gozo
Ta' Sannat	*Portion of land Ta' Durell covering an area 388s.m. and in part part transfer of LRAs2575-2579/21*	*Excel Investments Limited*	
Ta' Sannat	Dirett Dominju Temporanju ta' Art Ta' Hofra tal-kejl 801m.k.	Gvern ta' Malta	2584/2021 Gozo
Ta' Sannat	*Temporary Direct Dominium of land Ta' Hofra covering an area of 801s.m.*	*Government of Malta*	
Ix-Xagħra	B'dan qed navża li rċivejt mingħand is-Sur Sergio Muscat applikazzjoni LRA 2506/2021 korrezzjoni tal-pjanta rilevanti	Gvern ta' Malta	2506/2021 Gozo
Xagħra	*I am here by giving notice that I have recevied from Mr Sergio Muscat application LRA 2506/2021 correction of relevant plans*	*Government of Malta*	
Ix-Xagħra	B'dan qed navża li rċivejt mingħand is-Sur Sergio Muscat applikazzjoni LRA 2507/2021 korrezzjoni tal-pjanta rilevanti	Gvern ta' Malta	2507/2021 Gozo
Xagħra	*I am here by giving notice that I have recevied from Mr Sergio Muscat application LRA 2507/2021 correction of relevant plans*	*Government of Malta*	
Ix-Xagħra	B'dan qed navża li rċivejt mingħand is-Sur Grazio Borg et applikazzjoni LRA 2544/2021 korrezzjoni tal-pjanti rilevanti	Borg Grazio et	2544/2021 Gozo

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	LR-A *LR-A*
Xagħra	*I am here by giving notice that I have recevied from Mr Grazio Borg et application LRA 2544/2021 correction of relevant plans*	*Borg Grazio et*	
Ix-Xagħra	B'dan qed navża li rċivejt mingħand is-Sur Sergio Muscat applikazzjoni LRA 2567/2021 korrezzjoni tal-pjanta rilevanti	Gvern ta' Malta	2567/2021 Gozo
Xagħra	*I am here by giving notice that I have recevied from Mr Sergio Muscat application LRA 2567/2021 correction of relevant plans*	*Government of Malta*	
Ix-Xagħra	Biċċa art fi Triq Ta' Stellini tal-kejl 341m.k.	Gvern ta' Malta	2635/2021 Gozo
Xagħra	*Portion of land in Triq Ta' Stellini covering an area of 341s.m.*	*Government of Malta*	
Ix-Xagħra	Biċċa art fi Triq Ta' Bullara tal-kejl ta' 66m.k.	Gvern ta' Malta	2636/2021 Gozo
Xagħra	*Portion of land in Triq Ta' Bullara covering an area of 66s.m.*	*Government of Malta*	
Ix-Xewkija	Parti minn 1/30 indiviż mid-dar 142 Triq San Bert u part transfer ta' proprjetà 65001091	Cauchi Lynette Antonia	2574/2021 Gozo
Xewkija	*Part from 1/30 undivided share of house 142 Triq San Bert and part transfer of property 65001091*	*Cauchi Lynette Antonia*	

L-applikazzjonijiet, pjanti tal-art u d-dokumenti ppreżentati magħhom jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru tal-Artijiet, L-Amministrazzjoni, Triq ta' Wara s-Sur, Ir-Rabat, Għawdex, bejn it-8.00 a.m. u s-2.00 p.m.

Dr Claude Sapiano, LLD
Reġistratur tal-Artijiet

Il-21 ta' Jannar, 2022

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, The Administration, Triq ta' Wara s-Sur, Victoria, Gozo, between 8.00 a.m. and 2.00 p.m.

Dr Claude Sapiano, LLD
Land Registrar

21st January, 2022

Nru. 93

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

No. 93

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
21.1.2022	€51.565	€0.673

Il-21 ta' Jannar, 2022

21st January, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 2

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħaż-Żabbar

Nhar il-Ħadd, 30 ta' Jannar, 2022, mis-7.00 a.m. 'il quddiem, minn Triq Alessio Erardi (ħdejn il-Knisja tas-Salib Imqaddes).

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-21 ta' Jannar, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 5 tal-2022

Is-Servizz NAVTEX ta' Malta u t-Tuneżija – huwa Sospiż tTemporanjament

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li s-servizz NAVTEX ta' Malta (O) u t-Tuneżija (T) huwa sospiż temporanjament.

Filwaqt li qed isir kull sforz biex jerġgħu jiġu trażmessi messaġġi NAVTEX kemm jista' jkun malajr, matul il-perjodu ta' mingħajr trażmissjoni, it-Twissijiet ta' Navigazzjoni ta' Malta se jiġu promulgati bil-vuċi, fuq ir-radju, kif ġej:

Malta Vessel Traffic Service (Malta VTS) fuq VHF Channel 16 fl-10.03 a.m., 4.03 p.m. u 9.03 p.m. (UTC) kuljum.

Il-21 ta' Jannar, 2022

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Security Operations Centre
Analyst – Information Security

Permess tal-Jobsplus 621/2020

MITA qed tfittex li timpjega Analyst fi ħdan it-tim tas-Security Operations and Incident Response u fit-tim tas-

POLICE NOTICE

No. 2

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħaż-Żabbar

On Sunday, 30th January, 2022, from 7.00 a.m. onwards, through Triq Alessio Erardi (near Salib Imqaddes Church).

Public transport will not be effected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

21st January, 2022

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 5 of 2022

Malta and Tunisia NAVTEX Service – is Temporarily Suspended

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the Malta (O) and Tunisia (T) NAVTEX service is temporarily suspended.

While every effort is being made to resume transmitting NAVTEX messages as soon as possible, during the period of no transmission, Malta Navigational Warnings will be promulgated by voice, on radio, as follows:

Malta Vessel Traffic Service (Malta VTS) on VHF Channel 16 at 10.03 a.m., 4.03 p.m. and 9.03 p.m. (UTC) daily.

21st January, 2022

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

Security Operations Centre
Analyst – Information Security

Jobsplus Permit 621/2020

MITA is seeking to recruit an Analyst within the Security Operations and Incident Response Team and within the

Cyber Threat Intelligence, fejn l-attenzjoni prinċipali hi li jipproteġi, isib u jirrispondi għal avvenimenti u inċidenti taċ-ċibersigurtà u responsabbli għall-ġbir ta' informazzjoni u analiżi ta' intelliġenza ta' theddid ċibernetiku, fil-pront, b'mod intelliġenti u effiċjenti. Din hija opportunità li tingħaqad ma' tim enerġetiku ta' professjonisti entużjasti fil-qasam taċ-ċibersigurtà.

Il-kandidat magħżul se jkun bħal l-ewwel linja ta' difiża, responsabbli mill-kaċċa, skoperta u investigazzjoni tat-theddid ċibernetiku jew ta' ġbir, ipproċessar u qsim ta' intelliġenza li tirrikjedi azzjoni dwar theddid ċibernetiku kemm kurrenti kif ukoll dak li jkun qed jiżviluppa, filwaqt li jappoġġja lit-tim tal-Gvern ta' Malta tal-Computer Security Incident Response (MT-CSIRT). Dan ir-rwol jipprovdi opportunità ta' xogħol b'għodda avvanzata fil-livell ta' intrapriża u teknoloġiji ta' appoġġ fi programm komprensiv taċ-ċibersigurtà.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

Il-kandidat magħżul mistenni li jkollu wieħed minn dawn is-settijiet ta' kwalifiki u/jew esperjenzi fil-qasam tal-ICT:

i) Kwalifika f'qasam relatat mal-ICT f'Livell ta' MQF 5 JEW ogħla, f'dan il-każ, l-esperjenza mhix neċessarja; JEW

ii) Kwalifika f'qasam relatat mal-ICT (Livell ta' MQF 4) U sena esperjenza f'qasam relatat; JEW

iii) Sentejn esperjenza f'qasam relatat.

Gradwati ġodda jistgħu jiġu offruti opportunità ta'xogħol suġġett li jippovdu r-riżultati finali.

Il-kwalifiki, l-esperjenza u l-kompetenzi tal-kandidati jkunu assessjati fi ħdan il-Career Progression Framework tal-Aġenzija. Il-kandidati jistgħu jiġu offruti l-pożizzjoni fuq Livell ta' Associate – Livell ta' Karriera 2; jew Livell Standard – Livell ta' Karriera 3; jew Livell Senior – Livell ta' Karriera 4. Dan jiddependi mil-livell ta' kompetenza murija fl-intervista.

CV dettaljata, flimkien ma' ittra elettronika ta' applikazzjoni u kopji skennjati taċ-ċertifikati, u l-ismijiet ta' żewġ referenzi u l-indirizz elettroniku tagħhom, għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 28 ta' Jannar, 2022, lil (careers.mita@gov.mt).

Il-21 ta' Jannar, 2022

Cyber Threat Intelligence Team, whose primary focus is to protect, detect and respond to cybersecurity events and incidents, and responsible for the collection of information and analysis of cyber threat intelligence, in a timely, smart and efficient manner. An opportunity to join an energetic team of enthusiastic and passionate professionals in the cybersecurity domain.

The successful candidate will be serving as the first line of defence, responsible for hunting, detecting, and investigating cybersecurity threats or collecting, processing, and sharing of actionable cyber threat intelligence on current and developing threats, whilst supporting the Government of Malta Computer Security Incident Response Team (MT-CSIRT). This role provides an opportunity to work with advanced enterprise-level security tools and technologies in support of a comprehensive cybersecurity program.

Eligibility Requirements

The successful candidate is expected to hold either of the following set of qualifications and/or experience:

i) An ICT related diploma (MQF level 5); OR

ii) An ICT related diploma (MQF level 4) together with one-year experience in an ICT related area; OR

iii) Two years' experience in an ICT related area.

Fresh graduates may be offered an employment opportunity subject to the provision of final results.

Candidates' qualifications, experience and competencies will be assessed in line with the Agency's Career Progression framework. Successful candidates may be engaged at either the Associate Level – Career Level 2, the Standard Level – Career Level 3; or the Senior Level – Career Level 4. This depends on the level of competency shown during the interview.

A detailed CV, together with a covering email and scanned copies of certificates, and the names of two referees and their email addresses, are to be submitted by not later than Friday, 28th January, 2022, to (careers.mita@gov.mt).

21st January, 2022

KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Amministratur ma' KorMalta c/o l-Kunsill Malti għall-Arti

Sejħa għas-Servizz

Dmirijiet u Responsabbiltajiet

KorMalta c/o l-Kunsill Malti għall-Arti qiegħed ifittex li jagħmel użu mis-servizzi ta' individwu bħala Amministratur li jaħdem mill-qrib mad-Direttur tal-Finanzjament u l-Istrateġija tal-Kunsill Malti għall-Arti fl-amministrazzjoni tal-operazzjonijiet ta' Kor Malta.

Responsabbiltajiet Ġenerali

Id-dimirijiet tal-offerent magħżul għandhom jinkludu imma mhumiex limitati għal:

Imexxi lit-tim, waqt li jwettaq laqgħat regolari ta' maniġment u ppjanar tax-xogħol;

Jiġġestixxi b'mod dirett lill-istaff amministrattiv u jipprovdi appoġġ xieraq lill-ħaddiema freelance u lill-kuntratturi;

Jipprepara u jippreżenta rapporti għal-laqgħat tal-bord li jsiru kull erba' xhur inkluż: il-ġestjoni tal-kontijiet, il-fluss tal-flus, l-ivvjaġġar u l-aġġornament tal-produzzjoni u rapporti oħra kif meħtieġ mill-Bord;

Jirrappreżenta l-kumpanija fil-laqgħat, l-avvenimenti, ir-riċevimenti, is-sessjonijiet ta' ħidma u l-prestazzjonijiet;

Jiġġestixxi l-operat ta' kuljum tal-kumpanija;

Jiżgura li l-Aġenzija għandha l-politiki, il-proċeduri u s-sistemi fis-seħħ sabiex jappoġġjaw il-ġestjoni effettiva tal-Aġenzija u jiffaċilitaw ix-xogħol tal-persunal;

Jiġġestixxi l-attivitajiet tal-ksib kollha inkluż s-sottokuntrattar mill-Entità li jiżgura li r-rekwiżiti legali u regolatorji oħrajn kollha huma ssodisfati kollha;

Jimmaniġġja l-faċilitajiet u s-servizzi kollha tal-Aġenzija;

Jistabbilixxi u jmantni ċentru tar-riżorsi u sistema ta' arkivjar għall-ħżin ta' rekords u dokumenti oħrajn;

Imexxi t-twettiq tal-pjan tal-ambjent;

Jivvjaġġa, meta jkun meħtieġ, ma' KorMalta u jissorvelja l-amministrazzjoni ta' kuljum ta' vjaġġ li għandha tkun

ARTS COUNCIL MALTA

Administrator with KorMalta c/o Arts Council Malta

Call for Service

Duties and Responsibilities

Kor Malta c/o Arts Council Malta is seeking to engage the services of an individual as an Administrator to work closely with ACM's Director Funding and Strategy, the Director Funding and Strategy Funding in the administration of Kor Malta's operations.

General Responsibilities

The duties of the selected bidder are to include but not limited to:

Lead the team, undertaking regular management meetings and work planning;

Line manage administrative staff and provide appropriate support to freelancers and contractors;

Prepare and present reports for quarterly board meetings including: management accounts, cash flow, touring and production update and other reports as required by the Board;

Represent the company at meetings, events, receptions, workshops and performances;

Manage the day-to-day operation of the company;

To ensure that the Agency has the policies, procedures and systems in place to both support effective management of the Agency and facilitate the work of the staff;

To manage all the procurement activities including subcontracting by the Entity ensuring that all legal and other regulatory requirements are fully satisfied;

To manage all facilities and services of the Agency;

To establish and maintain a resource center and an archiving system for storage of records and other documents;

Lead on delivery of the environmental plan;

To travel, whenever necessary, with KorMalta and oversee the smooth day-to-day administration of a tour.

mingħajr intoppi. Jiżgura li jintlaħqu l-obbligi kollha tal-prestazzjoni u li l-kumpanija tirċievi l-ħlasijiet wara kull impenn;

Jiżviluppa u jżomm ambjent ta' xogħol kollaborattiv ma' organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi oħrajn;

Jikkollabora mal-uffiċjali anzjani fi ħdan il-Ministeru sabiex jidentifika u jsolvi problemi reali u potenzjali li għandhom x'jaqsmu mal-provvista tar-riżorsi;

Flimkien mad-Direttur Artistiku jmexxi lill-kumpanija 'l quddiem fl-ippjanar u l-iżvilupp ta' pjanijiet strateġiċi, inkluż il-produzzjonijiet, l-ivvjaġġar domestiku u internazzjonali, il-proġetti, il-parteċipazzjoni u l-isħubiji;

Imexxi l-implimentazzjoni, l-aġġornament, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-Pjan tan-Negozju, inkluż il-komponenti tal-finanzi, ir-riżorsi umani u s-servizzi tal-uffiċċju, jikkonsulta mad-Direttur Artistiku, il-bord, il-persunal, il-partijiet interessati u l-imsieħba kif xieraq;

Jiżviluppa u jżomm relazzjonijiet pożittivi u produttivi mal-Kunsill Malti għall-Arti u finanzjaturi u partijiet interessati oħrajn;

Imexxi l-identifikazzjoni u l-iżvilupp ta' sħubiji lokali, nazzjonali u internazzjonali u opportunitajiet ta' prestazzjoni, inkluż il-kummissjonijiet;

Jivvjaġġa, meta jkun meħtieġ, flimkien mad-Direttur Artistiku, b'mod internazzjonali fit-tfittxija għall-artisti, il-postijiet u l-festivals.

Ħiliet u Kompetenzi

L-applikanti għandhom ikunu fil-pussess ta' dan li ġej sad-data tal-għeluq tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni:

Kwalifikazzjoni ta' Baċellerat fil-Livell 6 tal-MQF relatata mar-irwol

JEW

Ċertifikat tat-tluq mill-iskola flimkien ma' ħames snin ta' esperjenza tax-xogħol rilevanti

U

Għarfien dwar ix-xena lokali tal-korijiet;

Prestazzjoni tajba fil-kunsinna tax-xogħol skont id-dati tal-għeluq;

Il-ħila li jistabbilixxi u jżomm relazzjonijiet pożittivi ma' varjetà ta' kollaboraturi u partijiet interessati;

Ensure that all performance obligations are met and that the company receives payments after each engagement;

To develop and sustain a collaborative working environment with other public cultural organizations;

To Liaise with senior officials within the Ministry to identify and resolve real and potential problems pertaining to the provision of resources;

With the Artistic Director, to lead on company forward planning and development of strategic plans, including productions, domestic and international touring, projects, participation and partnerships;

To lead on the roll out, updating, monitoring and evaluation of the Business Plan, including the components of finance, human resources and office services, consulting with The Artistic Director, board, staff, stakeholders and partners as appropriate;

Develop and maintain positive and productive relationships with Arts Council Malta and other funders and stakeholders;

Lead on the identification and development of local, national and international partnerships and performance opportunities, including commissions;

To travel, whenever necessary, together with the Artistic Director, internationally in search of artists, venues or festivals.

Skills and Competencies

Applicants must, by the closing date of submission of the application, be in possession of:

Bachelor's qualification at MQF Level 6 related to the role

OR

School leaving certificate plus 5 years relevant work experience

AND

Knowledge of the local choir scene;

Track record of delivering according to deadlines;

Ability to establish and maintain positive relationships with a variety of collaborators and stakeholders;

Proficjenza fl-Ingliż u fil-Malti, b'ħiliet tal-komunikazzjoni orali u bil-miktub eċċellenti;

Ħiliet eċċellenti tas-smigħ u dawk interpersonali;

Entużjażmu u motivazzjoni sabiex iwassal il-viżjoni ta' KorMalta;

Ikun kapaċi jaħdem kemm b'mod indipendenti u kemm f'tim, b'attenzjoni għad-dettall.

Kundizzjonijiet Anormali tas-Servizz

Ħila li jaħdem taħt pressjoni.

Is-sigħat tax-xogħol jistgħu jkunu meħtieġa wkoll wara l-ħinijiet normali tal-uffiċċju b'hekk il-kandidat għandu jkun flessibbli sabiex jaħdem fi tmiem il-ġimgħa u filgħaxijiet skont il-bżonnijiet tal-entità.

Il-Kuntratt

Il-kandidat magħżul se jkun mogħti Kuntratt ta' Servizz ta' tliet (3) snin, bil-possibbiltà li jiġġedded għal perjodu ulterjuri ta' sena (1), li jiddependi fuq il-prestazzjoni tiegħu/tagħha.

B'responsabbiltà lejn id-Direttur Eżekuttiv u d-Direttur tal-Finanzjament tal-Kunsill Malti għall-Arti, jaħdem b'sigħat flessibbli sabiex jilħaq it-talbiet u r-rekwiżiti tal-pożizzjoni. Il-kandidat magħżul se jkun meħtieġ li jaħdem skont ir-regoli u r-regolamenti tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

Ir-remunerazzjoni hija ta' €12,000 (li teskludi l-VAT imma tinkludi kwalunkwe taxxi u spejjeż oħrajn) kull sena għal 25 siegħa fil-ġimgħa mill-uffiċċju jew fuq il-post kif meħtieġ.

Il-ħlas se jkun ipproċessat kull xahar mill-Kunsill Malti għall-Arti b'riċevuta tal-fattura b'numru tal-VAT validu.

Applikazzjonijiet

L-applikanti interessati huma meħtieġa li jibagħtu ittra ta' motivazzjoni flimkien ma' CV lil (vacancies@artscouncil.mt).

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija t-Tlieta, l-1 ta Frar, 2022, f'nofsinhar.

L-applikanti eliġibbli se jkunu meħtieġa li jpoġġu għal intervista tal-għażla.

Il-21 ta' Jannar, 2022

Proficiency in English and Maltese, with excellent oral and written communication skills;

Excellent listening and interpersonal skills;

Enthusiasm and motivation to deliver KorMalta's vision;

Capable of working both independently and within a team, with an attention to detail.

Abnormal Service Conditions

Ability to work under pressure.

Hours of work may also be required after normal office hours thus the candidate must be flexible to work on weekends and evenings depending on the needs of the entity.

Contract

The selected candidate will be awarded a three (3) year Contract for Service, with the possibility to renew for a further period of one (1) year, depending on his/her performance.

Answerable to the Exec Chair and Director Funding and Strategy of Arts Council Malta, operating with flexible hours to meet the demands and requirements of the position. The chosen candidate will be required to work within the rules and regulations of the Malta Public Service.

The remuneration is of €12,000 (excluding VAT but including any other taxes or charges) per year for 25 hours per week from the office and/or on site as required.

Payment will be processed monthly by Arts Council Malta on receipt of an invoice with a valid VAT number.

Applications

Interested applicants are required to send a motivation letter together with a CV to (vacancies@artscouncil.mt).

Closing date for applications is Tuesday, 1st February, 2022, at noon.

Eligible applicants will be asked to sit for a selection interview.

21st January, 2022

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT

Post ta' Manager I fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport (MEDS) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, l-MEDS jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Manager I fid-Dipartiment tal-Quality Assurance fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1. Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xhar.

2.2. Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3. Is-salarju ta' Manager I huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fl-2022 huwa ta' €21,950 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €24,396.

2.4. Persuna fil-grad ta' Manager I fi Skala ta' Salarju 10 titla' fi Skala ta' Salarju 9 (€23,353 x €447.33 - €26,037 fis-sena 2022) wara sentejn (2) servizz bħala Manager I fi Skala ta' Salarju 10, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5. Persuna fil-grad ta' Manager I fi Skala ta' Salarju 9 titla' fi Skala ta' Salarju 8 (€24,845 x €486.83 - €27,766 fis-sena 2022) wara ħames (5) snin servizz bħala Manager I fi Skala ta' Salarju 9, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.6. Persuna fil-grad ta' Manager I fi Skala ta' Salarju 8 titla' fi Skala ta' Salarju 7 (€26,438 x €531.17 - €29,625 fis-sena 2022) wara tliet (3) snin servizz bħala Manager I fi Skala ta' Salarju 8, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.7. Il-persuni maħtura jkunu intitolati wkoll għal ħlas annwali marbut mal-prestazzjoni sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku tagħhom, marbut ma' xogħol sodisfaċenti u suġġett għall-politiki tal-amministrazzjoni ċentrali li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

MINISTRY FOR EDUCATION AND SPORT

Post of Manager I in the Ministry for Education and Sport

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education and Sport (MEDS) would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEDS adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Education Regulations 2016) in its recruitment process.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Education and Sport, invites applications for the post of Manager I in the Quality Assurance Department in the Ministry for Education and Sport.

Terms and Conditions

2.1. This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2. During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3. The salary for the post of Manager I is Salary Scale 10, which in year 2022 is €21,950 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €24,396.

2.4. A Manager I in Salary Scale 10 will progress to Salary Scale 9 (€23,353 x €447.33 - €26,037 in 2022) on completion of two (2) years service as Manager I in Salary Scale 10, subject to satisfactory performance.

2.5. A Manager I in Salary Scale 9 will progress to Salary Scale 8(€24,845 x €486.83 - €27,766 in 2022) on completion of five (5) years service as Manager I in Salary Scale 9, subject to satisfactory performance.

2.6. A Manager I in Salary Scale 8 will progress to Salary Scale 7(€26,438 x €531.17 - €29,625 in 2022) on completion of three (3) years service as Manager I in Salary Scale 8, subject to satisfactory performance.

2.7. Appointees will also be entitled to the payment of an annual performance bonus of up to a maximum of 10% of his/her basic salary, subject to satisfactory performance and subject to Central Administration's policies in force from time to time.

2.8. L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

2.9. Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi li diġà għandhom ħatra fl-istess grad li qiegħda tkun reklamata huma permessi biss jekk il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-post vakanti huwa differenti minn dak tal-applikant u jeħtieġ kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit ta' eliġibbiltà, li l-applikant irid jissodisfa.

a. L-applikanti maħtura fil-flussi Maniġerjali/ta' Uffiċjal/Prattikanti jridu jkunu servew fil-ħatra attwali tagħhom, u jekk maħtura għandhom iservu f'din il-kariga għal minimu ta' sentejn (2) qabel ma japplikaw lateralment. Dan mhuwiex applikabbli għal skopijiet ta' promozzjoni, suġġett għall-kriterji ta' eliġibbiltà pertinenti.

b. L-uffiċjali l-oħra kollha għandhom jiġu kkonfermati fil-ħatra, u jekk jinħatru għandhom iservu f'dan il-post għal minimu ta' sentejn (2) qabel ma japplikaw lateralment. Din il-kundizzjoni tal-aħħar mhijiex applikabbli għal finijiet ta' promozzjoni.

2.10. Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.11. Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Manager I jinkludu li:

i. Jassisti fit-tħejjija ta' estimi finanzjarji u ppjanar ekonomiku;

ii. Jiġbor u jżomm data u statistika rilevanti;

iii. Jirrapporta lis-Senior Manager (Regulatory and Compliance) u/jew lid-Direttur dwar ix-xogħol li jkun twettaq;

iv. Jassisti u jappoġġa lill-maniġment fejn jirrigwarda r-regolazzjoni, il-verifika, ir-riċerka u r-rappurtar dwar is-sistema edukattiva fl-età obbligatorja u mhux, fl-istituzzjonijiet edukattivi f'Malta u f'Għawdex sabiex jiżgura li jitħarsu l-politiki u l-provvedimenti stipulati fl-Att tal-Edukazzjoni, kif ukoll politiki u provvedimenti oħra tal-MEDS;

2.8. Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC positions or applications for a definite position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

2.9. Lateral applications by public officers who already hold an appointment in the same grade being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a specific related qualification as an eligibility requirement, which the applicant must satisfy.

a. Appointees within the Managerial/Officer/Practitioners streams must have served in their current post, are to serve in this post, for a minimum of two (2) years before applying laterally. This is not applicable for promotion purposes, subject to the pertinent eligibility criteria.

b. All other officers must be confirmed in appointment, and if appointed are to serve in this post for a minimum of two (2) years, before applying laterally. The latter condition is not applicable for promotion purposes.

2.10. It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at own request to carry out duties elsewhere in accordance with established vacancies.

2.11. The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

Duties

3. The job duties for the post of Manager I include:

i. Assisting in the preparation of budgets and business planning;

ii. Collecting and maintaining relevant data and statistics;

iii. Reporting to Senior Manager (Regulatory and Compliance) and/or Director on work assignments carried out;

iv. Assisting the management in the regulation, verification, research and reporting on pre- compulsory and compulsory education in educational institutions in Malta and Gozo to ensure that the policies and provisions laid down in the Education Act, as well as other policies and provisions of MEDS are adhered to;

v. Jassisti u jappoġġa lill-maniġment fil-proċeduri ta' monitoraġġ li jassiguraw l-osservanza u l-implimentazzjoni tal-provvedimenti ta' liġijiet u regolamenti li jirrigwardaw l-edukazzjoni jew istituzzjonijiet edukattivi;

vi. Jagħti sehmu fil-proċess tal-applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' liċenza skont l-att tal-edukazzjoni, liġijiet oħra relatati u r-responsabbiltà tad-dipartiment li jirregola;

vii. Jikkontribwixxi għal rapporti varji, li jistgħu joriġinaw minn ħtiġiet interni, nazzjonali jew internazzjonali;

viii. Jagħti sehmu fl-ifformular, iż-żamma u l-aġġornament tal-politiki, proċessi u proċeduri kif ikun mitlub jagħmel;

ix. Iżomm ruħu aġġornat ma' leġiżlazzjoni rilevanti u politiki tal-Gvern. Barra dan, isegwi taħriġ kontinwu kif ikun mitlub;

x. Jieħu sehem f'konferenzi, workshops u laqgħat internazzjonali dwar regolazzjoni u compliance kif meħtieġ;

xi. Jikkontribwixxi, jaqsam u jimplimenta l-missjoni u l-viżjoni tad-dipartiment;

xii. Jintegra l-perspettiva tal-ġeneru fi programmi u inizzjattivi tad-Direttorati;

xiii. Iwettaq dmirijiet oħra li jistgħu jiġu aġġornati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif ikkonfermat mis-Segretarju Permanenti;

xiv. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ; u

xv. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż

v. Assisting in the management of the monitoring procedures which ensure compliance and implementation of the provisions of laws and regulations dealing with matters relating to education;

vi. Contributing towards the processing of applications for the issuing of a licence as set by the education act, other related legislations and the department's responsibility to regulate;

vii. Contributing to the various publications and reports, which may stem from internal, national or international requirements;

viii. Contributing towards the formulating, maintaining and updating of policies, processes and procedures as required;

ix. Keeping abreast with relevant legislation and government policies. Also keeping abreast with relevant continuous professional development as directed;

x. Networking with bodies and participating in international conferences, workshops and meetings related to Regulation and Compliance as needed;

xi. Contributing to, sharing and implementing the Department's vision and mission;

xii. Integrating the gender perspective in programmes and initiatives of the Directorates;

xiii. Undertaking any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Permanent Secretary;

xiv. Undertaking any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required; and

xv. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of

b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi), jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

U

iii. ikollhom degree ta' Baċellerat rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ ECVET jew ekwivalenti*) fir-Regulation u/jew Compliance jew Education jew Management jew Health an Safety jew Social Wellbeing jew Public Policy jew Legal Studies.

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentata dwar il-kretti ECTS/ECVET jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenut tal-kors, il-bord tal-għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddetermina li huwa komparabbli ma' 180 krettu ECTS/ECVET. Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations' .

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

AND

iii. in possession of a recognised Bachelors degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Regulation and/or Compliance or Education or Management or Health and Safety or Social Wellbeing or Public Policy or Legal Studies.

*In the absence of documentary evidence as to the ECTS/ ECVET credits or other system of measuring the course content, the selection board is to evaluate the submitted programme of study and determine that it is comparable to 180 ECTS/ ECVET credits. The advice of the MQRIC may be sought.

iv. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2. (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat. Kwalifika ta' Masters f'Livell 7 tal-MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVETS jew ekwivalenti*.

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentata dwar il-kretti ECTS/ECVET jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenut tal-kors, il-bord tal-għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddetermina li huwa komparabbli ma' 60 krettu ECTS/ECVET. Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3. Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1(iii) jew kif indikat f'paragrafu 4.2, xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sat-30 ta' Ġunju, 2022. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifka ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 4.1 (iii) jew 4.2.

4.4. L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu,

iv. Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment.

4.2. (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements. A Masters qualification at MQF Level 7, or equivalent, must comprise a minimum of 60 ECTS/ECVETS credits or equivalent*.

*In the absence of documentary evidence as to the ECTS/ECVET credits or other system of measuring the course content, the selection board is to evaluate the submitted programme of study and determine that it is comparable to 60 ECTS/ECVET credits. The advice of the MQRIC may be sought.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

4.3. Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraphs 4.1 (iii) or else as indicated in paragraph 4.2 will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 30th June, 2022. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(a) The probation period and progression entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment.

(b) Appointees will not benefit from any allowances until attainment of, or are approved for the indicated qualification referred to in clause 4.1 (iii) and 4.2.

4.4. Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry /department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the

filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.5. Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

L-applikant jispiċċa l-korsa ladarba ddoqq il-qanpiena fil-linja tat-tmiem. Jekk l-applikant jonqos milli jlesti wieħed (1) mid-disa' (9) ostakli ta' hawn fuq, jiġi skwalifikat awtomatikament. It-test irid jitlesta fi żmien massimu ta' 2 minuti u 30 sekonda.

RIMARKI OĦRA

1. Il-General Physical Intake Standards Test jinqasam f'żewġ partijiet b'perjodu ta' mistrieħ ta' 15-il minuta għal stretching u l-idratazzjoni.

2. It-testijiet isiru fiż-żona tal-parkeġġ tal-Kumpless Ta' Kandja u l-bini tal-gymnasium. Se jsir assessjar tar-riskju sabiex jimminimizza u jaċċerta li r-riskji kollha tneħħew jew tnaqqsu. Persunal iċċertifikat fl-Ewwel Għajnuna se jkun fuq il-post.

3. L-applikanti kollha li jwettqu t-test għandhom jimlew Kwestjonarju ta' Preparazzjoni għall-Attività Fiżika (formola PAR-Q).

4. Għalliem tal-fiżika jkun fuq il-post matul it-test sabiex jassisti u jiżgura s-sigurtà.

5. Resit ikun disponibbli fi żmien ġimgħa għal dawk li jfallu. Ir-resits għandhom isiru b'mod sħiħ.

6.2. Il-kandidati li ma jgħaddux ikunu jistgħu jerġgħu joqogħdu għat-test sħiħ fi żmien ġimgħa (1).

6.3. Huma dawk il-kandidati biss li jgħaddu mill-partijiet kollha tat-test fl-Effiċjenza Fiżika li jipproċedu għat-Test Mediku Preliminari.

Il-kandidati li jgħaddu mit-test mediku preliminari mbagħad jipproċedu għall-Intervista Selettiva.

7. IT-TIENI PARTI – INTERVISTA SELETTIVA

7.1. Intervista selettiva intiża sabiex ikunu magħrufa dawk il-kwalitajiet personali tal-kandidati, bħal personalità, żveltezza, intelliġenza, komportament personali, kortesija, sens komun u oħrajn meħtieġa minn Kuntistabbli tal-Pulizija.

7.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Obstacle 7: Applicant would run along a path between tyres for 15 meters.

Obstacle 8: Applicant would drag a dummy of 50 kilograms and 20 meters distance.

Obstacle 9: Applicant would crawl under a height of 60 centimetres for the duration of 4 meters.

Applicant finishes the course once they ring a bell at the finish line. If an applicant fails to complete one (1) of the above nine (9) stations, it is considered to be an automatic failure. The test must be completed within a maximum time of 2 minutes 30 seconds.

OTHER REMARKS

1. The General Physical Intake Standards Test will be split into two parts with a 15 Minute Rest Period for stretching and hydration.

2. The tests will be carried out at the Ta' Kandja Complex parking area and the gymnasium building. A risk assessment will be conducted so to minimise and ascertain that all risks have been removed or reduced. First-Aid Certified Personnel will be on site.

3. All applicants conducting the test must complete a Physical Activity Readiness Questionnaire (PAR-Q form).

4. A physical instructor will be on-site during the test in order to assist and ensure safety.

5. A resit will be available within a week to those who fail. Resits must be conducted in full.

6.2. Candidates who fail will be able to effect a resit within one (1) week.

6.3. Only candidates who pass all components of the Physical Efficiency Test will proceed to the Preliminary Medical Test.

Candidates who pass the preliminary test will then proceed with the Selective Interview.

7. PART TWO – SELECTIVE INTERVIEW

7.1. A selective interview designed to bring to the fore those personal qualities in a candidate, such as personality, alertness, intelligence, personal bearing, courtesy, common sense, etc., required of a Police Constable will be held.

7.2. Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

7.3. Il-marka massima ghal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.4. Huma biss il-kandidati li jkunu għaddew b'suċċess mill-intervista selettiva li jkunu suġġetti li jagħmlu l-eżami mediku. Ir-riżultat tal-intervista selettiva jkun ikkunsidrat bħala proviżorju fl-ordni ta' mertu, l i jibqa' jgħodd sa sentejn (2) min-notifika tar-riżultat.

7.5. Il-kandidati li huma marbutin bi ftehim f'xi skema oħra ta' apprendistat, ma jkunux jistgħu jidħlu f'din l-iskema, sakemm ma jġibux ċertifikat mill-Jobsplus li jħollhom mill-ftehim tal-iskema ta' apprendistat ieħor.

8. IT-TIELET PARTI – EŻAMI MEDIKU

8.1. Il-kandidati li jgħaddu mill-intervista selettiva jiġu msejħa għal eżami komplut mediku skont l-ordni tal-mertu u skont l-postijiet vakanti. Il-kandidati li ma jgħaddux mill-eżami mediku ma jitħallewx jipproċedu għar-raba' parti.

9. IR-RABA' PARTI – IR-REKLUTAĠĠ

9.1. Il-perjodu ta' taħriġ fl-Akkademja jkun jikkonsisti f'kors inizjali komprensiv, li matulu l-Kuntistabbli tal-Pulizija fuq taħriġ għandhom isegwu dawk il-korsijiet ta' studju, u jagħmlu l-eżamijiet kif ikun mitlub fil-kors ta' taħriġ. L-imsemmi taħriġ komprensiv isir fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati u/jew f'lokalitajiet u/jew postijiet oħra, skont il-ħtieġa. Matul dan il-perjodu, il-Kuntistabbli tal-Pulizija fuq Taħriġ ikunu evalwati fil-prattika u t-teorija minn żmien għal żmien. Il-kandidati jridu jattendu mill-anqas 80% tal-kors u jgħaddu b'suċċess mill-eżamijiet mogħtija. Kuntistabbli tal-Pulizija fuq taħriġ ma jkunux intitolati għall-ebda 'vacation leave' matul il-perjodu ta' taħriġ tagħhom fl-Akkademja.

9.2. Il-kandidati magħżula għall-kors, li jkunu magħrufa bħala Kuntistabbli tal-Pulizija fuq Taħriġ, ikunu intitolati għal uniformi b'xejn. Jistgħu jkunu meħtieġa li jagħmlu prattika ta' xogħol fuq shift taħt sorveljanza, li jinkludi xogħol billejl u/jew xogħol manwali kif meħtieġ. Parti mit-taħriġ fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati jista' jkun fuq bażi residenzjali.

9.3. Il-marka massima għar-Raba' Parti – Ir-Reklutaġġ hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50% għal kull suġġett eżaminabbli. L-aħħar ordni ta' mertu tkun determinata mit-total ta' marki miksuba matul il-kors kollu ta' taħriġ. Dawk li ma jilħqux il-livell meħtieġ ma jinħatrux Kuntistabbli u l-perjodu ta' taħriġ taghhom jiġi terminat. Madankollu, jista' jingħatalhom ċans ieħor biex jerġgħu jagħmlu l-eżami/eżamijiet finali.

Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jtemm fi kwalunkwe ħin il-kors ta' Kuntistabbli tal-Pulizija fuq taħriġ jekk dan/din juri/turi progress mhux suffiċjenti, nuqqas ta' mġiba korretta, attitudni ħażina jew fuq nuqqas ta' motivazzjoni.

7.3. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.4. Only candidates who pass in the selective interview will proceed to the medical test. The result of the Selective Interview will be considered as a provisional order of merit, which will remain valid for a period of two (2) years from the notification of results.

7.5. Candidates who are already bound by an agreement of apprenticeship shall be precluded from proceeding further with the course, unless they obtain from Jobsplus a certificate of their release from the engagement.

8 . PART THREE – MEDICAL TEST

8.1. Candidates who pass the selective interview will be called for a full Medical Test according to the provisional order of merit and subject to the availability of vacancies. Candidates who fail in any part of the full medical test will not be allowed to proceed to part four.

9 . PART FOUR – TRAINEESHIP

9.1. The traineeship period will consist of a comprehensive course of training, during which Trainee Police Constables will be required to follow such study courses and sit for such examinations as are laid down in the course of training. The aforementioned comprehensive course will be held at the Academy for Disciplined Forces and/or elsewhere as necessary. During the training period Trainee Police Constables will be assessed practically and theoretically from time to time. Candidates are to attend at least 80% of the course and to pass successfully from the exams. Trainee Police Constables will not be entitled to any vacation leave during their period of traineeship.

9.2. Candidates admitted to the course, who shall be known as Trainee Police Constables, will be entitled to free issue of uniforms. They might be requested to do practical work on a shift basis, under surveillance, which assignment would include night work and/or manual work as necessary. Part of the training at the Academy for Disciplined Forces may be on a residential basis.

9.3. The maximum mark of Part Four – Traineeship is 100% and the pass mark is 50% for each examinable subject. The final order of merit will be determined by the total marks obtained during the whole course of training. Those who fail will not be appointed Constables and will have their traineeship terminated. However, one other chance of a resit in failing subjects examination/s might be given.

The Commissioner of Police can terminate at any time the traineeship of a trainee Police Constable upon unsatisfactory progress, misbehaviour, bad attitude or lack of motivation.

9.4. Il-ħatriet isiru skont l-ordni tal-mertu finali u suġġett għall-postijiet vakanti. Dan l-ordni tal-mertu jibqa' validu għal perjodu ta' sentejn (2) min-notifika tar-riżultati.

9.5. Il-kandidati jkunu suġġetti għad-dixxiplina, anke matul il-perjodu ta' taħriġ fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati, skont l-Att dwar il-Pulizija, Kapitolu 164.

9.6. Matul il-perjodu ta' sentejn bi prova bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, ir-rekluti ġodda jkunu meħtieġa jkomplu bil-kors ta' taħriġ prattiku fil-Korp tal-Pulizija, li matulu:

i. jiġu assenjati f'dawk is-Sezzjonijiet tal-Korp skont kif jidhirlu li jkun l-aħjar il-Kummissarju tal-Pulizija, u

ii. ikunu evalwati kull erba' xhur. Il-progress ta' kull kandidat jiġi evalwat fit-tmiem ta' kull test.

9.7. Kuntistabblijiet tal-Pulizija bi prova li ripetutament ma jirnexxilhomx jilħqu l-livell meħtieġ fl-evalwazzjoni ta' kull erba' xhur jista' jkollhom il-ħatra tagħhom itterminata fi kwalunkwe żmien waqt il-perjodu ta' prova.

9.8. Pulizija Kuntistabbli bi prova jistgħu wkoll ikunu meħtieġa jagħmlu korsijiet jew iservu barra minn Malta, skont l-eżiġenzi tas-servizz.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

10. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi għall-attenzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt) (taħt Uniformed and Security). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta skont kif applikabbli, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Frar, 2022. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

11. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

12. Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

13. L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-

9.4. Vacant posts will be filled according to the final order of merit and subject to the availability of vacancies. The order of merit will be valid for a period of two (2) years from the notification of results.

9.5. Candidates will be subject to discipline, even during the traineeship period, as provided for in the Police Act, Chapter 164.

9.6. During the ensuing period of two years' probation as Police Constables, the newly recruited constables will be required to continue with a practical training-probation course within the Police Force, in which:

i. they will be assigned to those Sections of the Force that the Commissioner of Police thinks fit, and

ii. they will be assessed on four-monthly assessments, in which the progress of every candidate will be evaluated.

9.7. Probationary Police Constables who repeatedly fail to reach the required standard in these four-monthly assessments may have their appointment terminated at any time during the period of probation.

9.8. Probationary Police Constables may also be required to train and serve abroad according to the exigencies of the service.

Submission of applications

10. Applications, are to be submitted for the attention of the Commissioner of Police through the Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt) (under Uniformed and Security). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct not later than one month from the date of application as applicable which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 14th February, 2022. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

11. It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

12. Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

13. Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of

notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

14. L-applikanti li huma parzjalment eliġibbli jiġu mitluba sabiex jattendu fit-Taqsima tar-Riżorsi Umani sabiex jitkejlu u jimlew formola addizzjonali bħala parti mill-proċess tal-applikazzjoni. Din il-formola għandha timtela fil-preżenza tal-Uffiċjal Inkarigat mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani u/jew Uffiċjal appuntat mill-Kummissarju tal-Pulizija. Minbarra dan, l-applikanti għandhom jissottomettu żewġ (2) ritratti riċenti daqs tal-passaport.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

15. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Il-Furjana. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment huma (https://pulizija.gov.mt) u (hr.police@gov.mt).

Il-21 ta' Jannar, 2022

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-IPPJANAR

Post ta' Assistant Manager (Riżorsi Umani) fil-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali għall-Operat, f'isem is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Assistant

notification, whichever is the later, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

14. The partially eligible applicants will then be invited to attend at the Human Resources Branch to be measured and to fill in an Additional Information Sheet, as part of the application process. This Additional Information Sheet is to be filled in the presence of the Officer in charge at the Human Resources and/or another officer appointed by the Commissioner of Police. Furthermore, applicants are also to submit two (2) recent passport- size photographs.

Other General Provisions

15. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from Human Resources Branch, Police General Headquarters, Floriana. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Department are (https://pulizija.gov.mt/) and (hr.police@gov.mt).

21st January, 2022

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, CLIMATE CHANGE AND PLANNING

Post of Assistant Manager (Human Resources) in the Ministry for the Environment, Climate Change and Planning

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (Operations) on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for the Environment, Climate Change and Planning, invites applications for the post of

Manager (Riżorsi Umani) fil-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.2 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager (Riżorsi Umani), huwa ta' Skala ta' Salarju 11, li fis-sena 2022 hija ekwivalenti għal €20,616 fis-sena, li tiżdied b'żidiet annwali ta' €375.17 sa massimu ta' €22,867.

2.4 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 11, titla' fi Skala 10 (€21,950 x €407.67 - €24,396) fis-sena 2022 wara tliet (3) snin servizz bħala Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 11, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

2.6 Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi li diġà għandhom ħatra fl-istess grad li qiegħda tkun reklamata huma permessi biss jekk il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-post vakanti huwa differenti minn dak tal-applikant u jeħtieġ kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit ta' eliġibbiltà, li l-applikant irid jissodisfa.

a. Il-persuni maħtura fil-flussi Maniġerjali/ta' Uffiċjal/Prattikanti jridu jkunu servew fil-ħatra attwali tagħhom, u għandhom iservu f'din il-kariga għal minimu ta' sentejn (2) qabel ma japplikaw lateralment. Dan mhuwiex applikabbli għal skopijiet ta' promozzjoni, suġġett għall-kriterji ta' eliġibbiltà pertinenti.

b. Uffiċjali l-oħra kollha għandhom jiġu kkonfermati fil-ħatra, u jekk jinħatru għandhom iservu f'dan il-post għal minimu ta' sentejn (2), qabel ma japplikaw lateralment. Din il-kundizzjoni tal-aħħar mhijiex applikabbli għal finijiet ta' promozzjoni.

2.7 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam tar-Riżorsi Umani, skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

Assistant Manager (Human Resources) in the Ministry for the Environment, Climate Change and Planning.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of six (6) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Assistant Manager (Human Resources) is Scale 11, which in the year 2022 is equivalent to €20,616 per annum, rising by annual increments of €375.17 up to a maximum of €22,867.

2.4 An Assistant Manager in Salary Scale 11, which will progress to Scale 10 (€21,950 x €407.67 - €24,396) in the year 2022 on completion of three (3) years service as Assistant Manager in Salary Scale 11, subject to satisfactory performance.

2.5 Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC positions or applications for a definite position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

2.6 Lateral applications by public officers who already hold an appointment in the same grade being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a specific related qualification as an eligibility requirement, which the applicant must satisfy.

a. Appointees within the Managerial/Officer/Practitioners streams must have served in their current post, and are to serve in this post, for a minimum of two (2) years before applying laterally. This is not applicable for promotion purposes, subject to the pertinent eligibility criteria.

b. All other officers must be confirmed in appointment, and if appointed are to serve in this post for a minimum of two (2) years, before applying laterally. The latter condition is not applicable for promotion purposes.

2.7 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at own request to carry out duties elsewhere in Human Resources in accordance with established vacancies.

2.8 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Assistant Manager (Riżorsi Umani) jinkludu li:

(i) Jikkompila l-informazzjoni kollha mitluba meħtieġa għall-ippjanar effettiv tal-HR, il-ġbir tad-data kif dirett mill-maniġment superjuri;

(ii) Iżomm kif iggwidat is-sistemi ta' preżentata meħtieġa fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha relatati tar-Riżorsi Umani;

(iii) Jappoġġja l-ġbir tad-data u r-rekords tar-Riżorsi Umani billi jżomm sistema ta' preżentata u ta' rkupru u jżomm rekords tal-passat u attwali, li għandha tiġi allinjata mas-sistema ċentrali ta' DAKAR kif meħtieġ;

(iv) Jappoġġja kif meħtieġ, biex jara li kwistjonijiet relatati mal-politiki, il-programmi u l-prattiki tar-riżorsi umani huma konformi mal-politiki ċentrali;

(v) Jassisti fil-kontrolli regolari ta' konformità li jiżguraw li l-politiki stabbiliti jkunu qed jiġu osservati, u jassisti fil-kumpilazzjoni tar-rapporti dwar miżuri korrettivi meħtieġa mill-maniġment superjuri u l-partijiet involuti;

(vi) Jikkontribwixxi kif meħtieġ fir-rigward ta' sejħiet għall-pubblikazzjoni li jsegwu l-mudelli rispettivi u jappoġġja l-monitoraġġ tat-tħejjija ta' tali sejħiet:

(vii) Jappoġġja l-għoti ta' kwalunkwe data meħtieġa f'każ ta' negozjati mat-trade unions;

(viii) Jikkollabora mal-IPS fir-rigward tad-data tal-impjegati li jeħtieġu induzzjoni;

(ix) Ixerred informazzjoni u aġġornamenti dwar l-amministrazzjoni pubblika kif meħtieġ:

(x) Jipparteċipa fil-funzjonijiet operattivi fir-rigward tar-resourcing, prinċipalment fl-aġġornament ta' informazzjoni relatata mad-deskrizzjonijiet tal-impjieg għall-karigi/pożizzjonijiet kollha;

(xi) Jappoġġja u jipparteċipa b'mod attiv fil-forniment ta' servizz ta' eċċellenza lill-klijenti u jippromovi l-kultura ta' eċċellenza b'mod partikolari l-ethos tas-Servizz Pubbliku;

(xii) Iwettaq dmirijiet oħra kif assenjati mill-maniġment superjuri minn żmien għal żmien;

(xiii) Iwettaq dmirijiet oħra li jisgħu jiġu aġġornati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif ikkonfermat mis-Segretarju Permanenti;

2.8 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

Duties

3. The job duties for the post of Assistant Manager (Human Resources) include:

(i) Compiles all requested information required for effective HR planning, data collation as directed by senior management;

(ii) Maintains as guided the necessary filing systems in respect of all related Human Resources matters;

(iii) Supports in the collations of data and human resource records by maintaining a filing and retrieval system and keeping past and current records, which is to be aligned to the Central DAKAR system as required;

(iv) Supports as required, in overseeing that matters related to human resources policies, programmes and practices are compliant with central policies;

(v) Assists in the regular compliance checks that ensure that established policies are being adhered to, and supports with the compilation of reports on corrective measures required by senior management and parties involved;

(vi) Contributes as necessary with respect to calls for publication which follow the respective templates and supports with monitoring the preparation of such calls;

(vii) Supports with providing any required data in case of negotiations with trade unions;

(viii) Liaises with the IPS in relation to data of employees who require induction;

(ix) Disseminates information and updates on the public administration as required;

(x) Participates in the operational functions in relation to resourcing mainly in the updating of information related to job descriptions for all posts/positions;

(xi) Supports and actively participates in the provision of a service of excellence to clients and promotes culture of excellence particularly ethos of the Public Service;

(xii) Carrying out any other duties as assigned by senior management team from time to time;

(xiii) Undertakes any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Permanent Secretary;

(xiv) Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/lilha, kif jista' jkun meħtieġ;

(xv) Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

L-oġġettivi tal-post huma li jappoġġjaw il-funzjonijiet kolla tal-immaniġġjar tar-Riżorsi Umani inkluż l-ippjanar tar-Riżorsi Umani, konformità tal-proċessi delegati u mmaniġġjar ta' ġestjoni tar-rekords/data/statistika aġġornati tal-impjegati li fuqhom jittieħdu d-deċiżjonijiet Strateġiċi tar-Riżorsi Umani. Dan ir-rwol huma kumplimentari għal dak ta' People Management.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)' , jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

(xiv) Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

(xv) Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

The objectives of the post are to support all Human Resources Management functions including HR planning, compliance of delegated processes and the management of updated employees records/data/statistic upon which Strategic Human Resources Management decisions are taken. The role is complementary to that of People Management.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006 or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the Family Reunification Regulations, 2007; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations' .

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija kif ukoll bil-lingwa Ingliża;

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

iii. fil-pussess ta' Diploma rikonoxxuta komparabbli fil-Livell 5 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fil-Work and Human Resources Management jew Training and Development jew Corporate Governance and Leadership jew Leadership and Orgnisational Behaviour jew Management and Leadership jew Strategy, Leadership and Change Management jew Industrial Relations and Workplace Learning jew Public Administration jew Public Management jew Business Administration.

iii. in possession of a recognised Diploma at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVE credits, or equivalent*) in Work and Human Resources Management or Training and Development or Corporate Governance and Leadership or Leadership and Organisational Behaviour or Management and Leadership or Strategy, Leadership and Change Management or Industrial Relations and Workplace Learning or Public Administration or Public Management or Business Administration.

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentata dwar il-kretti ECTS/ECVET jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenut tal-kors, il-bord tal-għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddetermina li huwa komparabbli ma' 60 krettu ECTS/ECVET. Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

*In the absence of documentary evidence as to the ECTS/ECVET credits or other system of measuring the course content, the selection board is to evaluate the submitted programme of study and determine that it is comparable to 60 ECTS/ECVET credits. The advice of the MQRIC may be sought.

iv. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

iv. Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment.

4.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

4.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika

4.3 Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraphs 4.1 (iii) or

rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (iii) jew kif indikat f'paragrafu 4.2, xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sat-30 ta' Ġunju, 2022. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 4.1 (iii) jew 4.2.

4.4 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.5 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.6 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.7 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

else as indicated in paragraph 4.2 will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 30th June, 2022. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(a) The probation period and progress entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment.

(b) Appointees will not benefit from any allowances until attainment of, or are approved for the indicated qualifications referred to in clauses 4.1 (iii) and 4.2.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry /department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.5 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.6 Applicants are obliged to immediately inform the Selection Board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the Selection Board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

4.7 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija mija fil-mija (100%) u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija sittin fil-mija (60%).

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur Ġenerali għall-Operat, Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Frar, 2022. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is one hundred per cent (100%) and the pass mark is sixty per cent (60%).

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director General (Operations), Ministry for the Environment, Climate Change and Planning, through the Online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 4th February, 2022. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the later, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1302. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment/Diviżjoni/Direttorat huma (www.environment.gov.mt) u (humanresources.mecp@gov.mt).

Il-21 ta' Jannar, 2022

ŻFINMALTA

Sejħa għal Producer

Sejħa għal Esperessjoni ta' Interess għal Producer għal ŻfinMalta

ŻfinMalta, il-Kumpanija Nazzjonali taż-Żfin, toħloq u tikkummissjoni żfin straordinarju li jiġbed l-udjenzi, filwaqt li jiċċelebra l-ispirtu tal-kultura Maltija f'dinja kontemporanja. ŻfinMalta qed tfittex Producer, imprenditur li għandu esperjenza fl-immaniġġjar tal-arti fosthom fil-ġbir ta' fondi, amministrazzjoni ta' proġetti u finanzi. Il-Producer jibbukkja u jieħu ħsieb tours u produzzjonijiet kemm lokali kif ukoll internazzjonali. Dan filwaqt li jiżviluppa produzzjonijiet u proġetti artistiċi, u jaħdem fil-qrib mad-Direttur Artistiku Paolo Mangiola, biex jagħtu ħajja lill-viżjoni artistika tal-kumpanija.

Servizzi Mitluba

Fl-aħħar erba' snin, mit-twaqqif tagħha, ŻfinMalta ġabet magħha mod ġdid kif il-Gżejjer Maltin iħarsu lejn iż-żfin kontemporanju. ŻfinMalta ħadmet mal-aqwa żeffiena u korjografi mill-Gżejjer Maltin u minn madwar id-dinja biex joħolqu produzzjonijiet innovattivi għall-udjenzi tagħha, bl-aspirazzjoni li kulma toħloq ikun ta' kwalità artistika dinjija.

ŻfinMalta impenjata li tipproduċi xogħol li juri l-aqwa kwalità li Malta kontemporanja, li dejjem tħares 'il quddiem,

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the Corporate Services Directorate (Attn: Assistant Director, Human Resources), Ministry for the Environment, Climate Change and Planning, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1302. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Department/Division/Directorate are (www.environment.gov.mt) and (humanresources.mecp@gov.mt).

21st January, 2022

ŻFINMALTA

Call for Producer

Expression of Interest – Services of a Producer for ŻfinMalta National Dance Company

ŻfinMalta National Dance Company creates and commissions extraordinary dance which engages and resonates with audiences, celebrating the spirit of Maltese culture in the contemporary world. ŻfinMalta is looking for an experienced and entrepreneurial Producer with demonstrable experience in arts management including fundraising, project and finance management. The Producer will book and manage tours in the Maltese Islands and Internationally and will develop artistic productions and projects, work closely with Artistic Director Paolo Mangiola to realise his vision for the company.

Services Required

Since its set up, ŻfinMalta has pioneered fresh thinking about contemporary dance in the Maltese Islands. ŻfinMalta worked with the best dancers and choreographers from the Maltese Islands and across the world to create innovative productions for our audiences, aspiring for everything we create to be world class artistic quality.

ŻfinMalta is committed to producing work which shows the best that an outward looking, contemporary Malta can

tista' tipproduċi. L-għan ta' ŻfinMalta hu li tqanqal aktar interess fiż-żfin fil-pajjiż, permezz ta' produzzjonijiet li jintlaqgħu tajjeb mill-komunitajiet madwar il-Gżejjer Maltin.

Servizzi Meħtieġa: Is-servizzi ta' producer huma meħtieġa għal 32 siegħa fil-ġimgħa, b'ħinijiet flessibbli, inkluż xogħol matul il-weekends u filgħaxijiet, partikolarment matul ġimgħat ta' produzzjoni u prestazzjonijiet.

Offerta: Dan huwa kuntratt għal servizz għal perjodu ta' sitta u tletin xahar (36) suġġett għal perjodu ta' prova ta' tnax-il xahar.

Il-persuna magħżula titħallas €24,000 eskl. VAT fis-sena, bil-ħlas isir fix-xahar, prorata.

Bażi: L-uffiċini tal-kumpanija, il-Belt Valletta. Il-persuna magħżula trid tkun ibbażata Malta.

Responsabbli: lill-Bord tad-Diretturi.

Rwol: Il-Producer huwa membru tas-Senior Management Team, flimkien mad-Direttur Artistiku u l-Amministratur,

Biex jimplimenta l-viżjoni artistika tad-Direttur Artistiku,

Biex ikun responsabbli għall-ippjanar u l-iżvilupp ta' proġetti artistiċi speċifiċi u għal touring lokali u internazzjonali,

Biex b'mod proattiv jidentifika u jiżviluppa opportunitajiet għall-produzzjoni,

Biex jappoġġja l-ksib tal-objettivi tan-negozju, finanzjarji u l-iżvilupp u tkabbir tal-udjenzi,

Biex jivvjaġġa f'Malta u internazzjonalment fejn meħtieġ. Xi xogħol ikollu bżonn jitwettaq filgħaxijiet u fi tmiem il-ġimgħa. Il-persuna tkun avżata minn qabel,

Biex jidentifika u jiżviluppa opportunitajiet ta' finanzjament u sponsors.

Responsabbilitajiet Prinċipali

Flimkien mad-Direttur Artistiku u l-Amministratur, jgħin fl-ippjanar u l-iżvilupp artistiku tal-kumpanija, inkluż ukoll produzzjonijiet, touring lokali u internazzjonali, proġetti u proġetti bi sħubija ma' entitajiet/organizzazzjonijiet oħra;

Jibbukkja festivals/shows internazzjonali għal ŻfinMalta;

Joħroġ b'ideat għal proġetti artistiċi flimkien mad-Direttur Artistiku;

produce. ŻfinMalta aims to ignite greater interest in dance in the nation through productions which resonate with communities across the Maltese Islands.

Service Required: The services of a producer are required for 32 hours a week, flexible, including working on weekends and evening, particularly during production week and performances.

Package: This is a contract for service for a 36-month period subject to a probationary period of 12 months.

The contract provider shall be paid €24,000 excl. VAT per annum payable in monthly instalments pro-rata.

Based: Company office, Valletta. The post holder will need to be based in Malta.

Responsible: to The Board of Directors.

Role: The Producer is a member of the Administration Team, that is under the direction of the Agency Administrator and Artistic Director,

To implement the artistic vision with the Artistic Director,

To be responsible for planning and developing specified artistic projects and for national and international touring,

To proactively identify and develop production opportunities,

To support the achievement of business, financial and audience development objectives,

To travel in Malta and internationally when required. Some work will require to be carried out in the evening and on weekends, with adequate advance notice provided,

To identify and develop funding and sponsorship opportunities.

Principal Duties

Under the direction of the Administrator and Artistic Director, to work on artistic company planning and development, including productions, domestic and international touring, projects and partnerships;

To get ŻfinMalta booked at foreign festivals, performances and tours;

To originate ideas for artistic projects in collaboration with the Artistic Director;

Jidentifika u jiżviluppa kollaborazzjonijiet u opportunitajiet għall-produzzjonijiet lokali, nazzjonali u internazzjonali, fosthom kummissjonijiet u koproduzzjonijiet;

To identify and develop local, national and international partnerships and performance opportunities including commissions and co-productions;

Jidentifika u jaħdem ma' aġenti internazzjonali;

To identify and work with international agents;

Jirrappreżenta lill-kumpanija fi trade fairs u festivals;

To represent the company at trade fairs and festivals;

Jipproduċi proġetti u produzzjonijiet mill-kunċett sat-tmiem, fosthom jikteb kunċetti artistiċi, jiżviluppa baġits, u mmanniġġjar tal-proġett b'kollaborazzjoni mal-Amministratur;

To produce projects and productions from inception to completion, including writing artistic concepts, budgets, and project management in collaboration and under the supervision with the Administrator;

Jipprovdi informazzjoni u dokumenti lill-Bord, skont il-ħtieġa;

To provide information and papers for the Board as required;

Jaħdem mad-Direttur Artistiku u l-Bord biex jidentifika possibbilitajiet ta' ġbir ta' fondi, u biex jgħaddi ideat u jieħu ħsieb relazzjonijiet ma' donaturi u persuni u kumpaniji li jappoġġjaw lill-kumpanija, skont ir-regoli tal-akkwist pubbliku;

To work with the Artistic Director and Board to identify fundraising prospects, write proposals, and to pitch and manage relationships with donors and supporters in line with Public Procurement Regulations;

Jiskeda aspetti loġistiċi għal produzzjonijiet, proġetti u touring bl-appoġġ tas-segretarja u b'kollaborazzjoni mal-Amministratur, il-Production Manager u l-Kordinatur Artistiku;

To schedule logistical aspects of productions, projects and touring with support from the secretary and liaise with the Administrator, Production Manager and Artistic Coordinator;

Jassigura miri realistiċi f'termini ta' tkabbir tal-udjenzi u jsegwi l-progress flimkien mal-Amministratur;

To ensure realistic audience targets are set and monitor progress with the Administrator;

Jikkontribwixxi għall-ħolqien u l-implimentazzjoni tal-pjan għan-negozju flimkien mal-Amministratur;

To contribute to the creation and roll out of the business plan together with the Administrator;

Jikkontribwixxi għal aktar relazzjonijiet pożittivi u produttivi mal-Kunsill Malti għall-Arti u partijiet interessati;

To help to maintain positive, productive relationships with Arts Council Malta and other stakeholders;

Jikkontribwixxi kontenut ta' kitba għas-sit elettroniku ta' ŻfinMalta;

To contribute written content for the Dance Company's website;

Jikkontribwixxi għall-kitba ta' stqarrijiet għall-midja u artikli għal skopijiet ta' PR u Marketing;

To contribute towards the writing of Press Releases and interviews articles for PR and Marketing purposes;

Iżomm mal-liġi u r-Regolamenti tal-Akkwist Pubbliku ta' Malta.

To abide by Maltese Public Procurement Regulations.

Din id-deskrizzjoni tar-rwol hija indikattiva tar-responsabbiltajiet u x-xogħol assoċċjat mar-rwol. La hija ristrettiva u lanqas inklussiva.

This job description is indicative of the responsibilities and duties associated with this position. It is neither restrictive nor inclusive.

Speċifikazzjonijiet dwar il-persuna

Person specifications

Essenzjali:

Essential

Kwalifika f'Livell 7 tal-MQF preferibbilment fl-arti, amministrazzjoni tan-negozju jew immaniġġjar kulturali;

MQF Level 7 qualification required preferably in the arts, business administration or cultural management;

Minn tal-anqas tliet snin esperjenza fl-immaniġġjar tal-arti, preferibbilment f'ambjent ta' produttur;

Għarfien tajjeb tal-arti performattiva;

Għarfien kurrenti tas-settur tal-arti fil-Gżejjer Maltin;

Għarfien kurrenti ta' kif jaħdmu fondi pubbliċi u privati f'Malta;

Track Record ta' organizzazzjoni b'suċċess, ta' ġbir ta' fondi;

Esperjenza fl-immaniġġjar tal-finanzi u rappurtar, fosthom biex joħloq u jimmaniġġja baġits u analiżi finanzjarja;

Ħiliet eċċellenti fil-kitba u l-komunikazzjoni;

Ħiliet eċċellenti fl-immaniġġjar tan-nies;

Negozjatur kapaċi;
Kapaċità biex jaħdem u jikkollabora ma' diversi persuni;

Persuna mmotivata li kapaċi taħdem tajjeb f'tim.

Mixtieq:

Esperjenza fl-ibbukkjar ta' tours nazzjonali;

Esperjenza fl-ibbukkjar ta' tours ma' kumpaniji taż-żfin;

Għarfien vast tas-settur taż-żfin lokali u internazzjonali;

Esperjenza fil-kapaċità li timplimenta pjan għan-negozju jew strateġija;

Esperjenza taħdem ma' speċjalisti tal-marketing u l-PR;

Esperjenza taħdem ma' Bord ta' Diretturi;

Esperjenza fl-applikazzjonijiet għal Creative Europe;

Għarfien ta' lingwi.

Proċess tal-Għażla

Il-kumpanija/persuna interessata li tipprovdi s-servizz issirilha intervista minn bord tas-silezzjoni.

L-applikanti, għandhom jibgħatu ittra elettronika lil (vacancies@zfinmalta.mt) b'CV u ittra li tinkludi dettalji tal-esperjenza tagħhom f'dan il-qasam, kif ukoll il-ħiliet u

At least three years' experience in arts management, preferably within a producing environment;

Thorough knowledge of the performing arts;

Current knowledge of the arts environment in the Maltese Islands;

Current knowledge of public and private funding in Malta;

A track record of successful fundraising;

Experience of financial management and reporting, including creating and managing budgets and financial analysis;

Excellent written and communication skills;

Excellent people management skills;

Skilled negotiator;
Proven ability to work collaboratively with a range of partners;

A highly motivated team player.

Desirable:

Experience of booking international tours;

Tour booking experience with dance companies;

Wide knowledge of the dance sector locally and internationally;

Experience of delivering a business plan or strategy;

Experience of working with marketing and PR specialists;

Experience of working with a Board of Directors;

Experience of applying to Creative Europe;

Languages.

Selection Process

The company/person interested in providing this service shall be interviewed by a selection board.

Applicants may apply by sending an email to (vacancies@zfinmalta.mt) with their CV and a cover letter providing details of their previous experiences as well as

l-kapaċitajiet tiegħek li jistgħu jikkontribwixxu għat-tkabbir ta' ŻfinMalta. Massimu ta' 500 kelma.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu mhux iktar tard mit-Tlieta, l-1 ta' Frar, 2022, fil-5.00 p.m. GMT+1.

L-intervisti se jsiru fil-ġimgħa tat-Tnejn, 7 ta' Frar, 2022.

L-applikanti magħżula għall-intervisti jkunu avżati fil-jiem ta' qabel.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (vacancies@zfinmalta.mt).

Il-21 ta' Jannar, 2022

KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Post ta' Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsill Lokali Santa Venera jinforma li l-post ta' Segretarju Eżekuttiv huwa vakanti.

Il-Persuni eliġibbli biex jimlew il-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv:

1. Segretarji Eżekuttivi u Aġenti Segretarji Ezekuttivi tal-kunsilli lokali u kunsilli reġjonali fil-kariga,

2. Persuni li jkunu fil-lista kurrenti ta' dawk li kkwalifikaw bħala Segretarji Eżekuttivi Prospettivi,

3. Uffiċjali pubbliċi, impjegati fis-Settur Pubbliku, impjeġati tal-RSSL, impjegati fil-kunsilli lokali u persuni mill-pubbliku in ġenerali li:

(i) Ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża;

(ii) Ikollhom mill-inqas kwalifika tal-MQF Livell 5 (suġġett għal minimu ta' 60 ECTS/ECVET kretti, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2003) fil-Management jew Public Policy, jew kwalifika professjonali komparabbli, flimkien ma' sentejn (2) esperjenza ta' xogħol rilevanti; jew

(iii) Jekk ma jkollhomx kwalifika rilevanti tal-MQF Livell 5, ikollhom mill-inqas ħames (5) snin esperjenza ppruvati ta' xogħol fil-kapaċità ta' management. L-applikanti għandhom ikunu kkonfermati fil-ħatra preżenti tagħhom jew f'ħatra preċedenti,

jistgħu japplikaw permezz tal-applikazzjoni li titniżżel mis-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali (http://localgovernment.gov.mt/mt/DLG/Department%20for%20Local%20Government/Pages/Careers.aspx) u indirizzata:

how their skills and expertise will contribute to the growth of ZfinMalta. Max 500 words.

Deadline for applications: Tuesday, 1st February, 2022, 5.00 p.m. GMT+1.

Interviews will take place on the week starting Monday, 7th February, 2022.

Shortlisted candidates will be notified close to the date.

More information can be obtained via email to (vacancies@zfinmalta.mt)

21st January, 2022

SANTA VENERA LOCAL COUNCIL

Post of Executive Secretary

The Santa Venera Local Council notifies that the post of Executive Secretary is vacant.

Eligible persons to fill the Post of Executive Secretary:

1. Executive Secretaries and Acting Executive Secretaries serving within local councils and regional councils,

2. Persons who are listed in the current list of qualified Prospective Executive Secretaries,

3. Public officers, Public Sector Employees, RSSL employees, local council employees and members of the general public who are:

(i) Proficient in the Maltese and English languages;

(ii) in possession of at least an MQF Level 5 qualification (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) in Management or Public Policy, or a comparable professional qualification, plus two (2) years relevant work experience; or

(iii) if not possessing a relevant MQF Level 5 qualification, should have at least five (5) years proven work experience in a middle management capacity. Applicants should be confirmed in their present or previous grade,

may apply on the relevant application form which can be downloaded from the site of the Department of Local Government at (http://localgovernment.gov.mt/en/DLG/Department%20for%20Local%20Government/Pages/Careers.aspx) and addressed to:

Is-Sindku
(Vakanza Segretarju Eżekuttiv)
Kunsill Lokali Santa Venera
Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera

L-applikazzjoni tista' tintbagħat bil-posta jew titwassal fil-Kunsill f'envelop issiġillat sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 4 ta' Frar, 2022.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jkunux ikkunsidrati.

Formola tal-applikazzjoni – Verżjoni bil-Malti (http://dlg.gov.mt/mt/DLG/Department%20for%20Local%20Government/Documents/Careers/Applikazzjoni%20ghal%20SE%20(M).pdf).

Il-21 ta' Jannar, 2022

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Post ta' Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar jinforma li l-post ta' Segretarju Eżekuttiv huwa vakanti.

Il-persuni eliġibbli biex jimlew il-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv:

1. Segretarji Eżekuttivi u Aġenti Segretarji Ezekuttivi tal-kunsilli lokali u kunsilli reġjonali fil-kariga,

2. Persuni li jkunu fil-lista kurrenti ta' dawk li kkwalifikaw bħala Segretarji Eżekuttivi Prospettivi,

3. Uffiċjali pubbliċi, impjegati fis-Settur Pubbliku, impjeġati tal-RSSL, impjegati fil-kunsilli lokali u persuni mill-pubbliku inġenerali li:

(i) Ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża;

(ii) Ikollhom mill-inqas kwalifika tal-MQF Livell 5 (suġġett għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2003) fil-Management jew Public Policy, jew kwalifika professjonali komparabbli, flimkien ma' sentejn (2) esperjenza ta' xogħol rilevanti; jew

(iii) Jekk ma jkollhomx kwalifika rilevanti tal-MQF Livell 5, ikollhom mill-inqas ħames (5) snin esperjenza ppruvati ta' xogħol fil-kapaċità ta' management. L-applikanti għandhom ikunu kkonfermati fil-ħatra preżenti tagħhom jew f'ħatra preċedenti,

The Mayor
(Vacancy Executive Secretary)
Santa Venera Local Council,
Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera

Applications may be sent by post or delivered at the above address in a sealed envelope by noon of Friday, 4th February, 2022.

Late applications will not be considered.

Application Form – English version (http://dlg.gov.mt/en/DLG/Department%20for%20Local%20Government/Documents/Careers/Applikazzjoni%20ghal%20SE%20(E).pdf).

21st January, 2022

SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

Post of Executive Secretary

The San Pawl il-Baħar Local Council notifies that the post of Executive Secretary is vacant.

Eligible persons to fill the post of Executive Secretary:

1. Executive Secretaries and Acting Executive Secretaries serving within local councils and regional councils,

2. Persons who are listed in the current list of qualified prospective Executive Secretaries,

3. Public officers, Public Sector Employees, RSSL employees, local council employees and members of the general public who are:

(i)Proficient in the Maltese and English languages;

(ii) in possession of at least an MQF Level 5 qualification (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) in Management or Public Policy, or a comparable professional qualification, plus two (2) years relevant work experience; or

(iii) if not possessing a relevant MQF Level 5 qualification, should have at least five (5) years proven work experience in a middle management capacity. Applicants should be confirmed in their present or previous grade,

jistgħu japplikaw permezz tal-applikazzjoni li titniżżel mis-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali (http://localgovernment.gov.mt/mt/DLG/Department%20for%20Local %20Government/Pages/Careers.aspx) u indirizzata:

Is-Sindku
(Vakanza Segretarju Eżekuttiv)
Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar SPB 3411

L-applikazzjoni tista' tintbagħat bil-posta jew titwassal fil-Kunsill f'envelop issiġillat sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 4 ta' Frar, 2022.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jkunux ikkunsidrati.

Il-21 ta' Jannar, 2022

AWTORITÀ TAD-DJAR

Fidi ta' Ċnus – Skema P

B'referenza għal Iskema P – Fidi ta' Ċnus ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Awwissu, 1996, l-Awtorità tad-Djar tixtieq tavża lill-pubbliku in ġenerali li b'effett immedjat din l-Iskema qiegħda tiġi magħluqa.

Il-21 ta' Jannar, 2022

AWTORITÀ TAD-DJAR

Sussidju fuq Xogħlijiet Relatati ma' Strutturi Perikoluży fi Proprjeta' Privata li hija Okkupata minn qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 minn Inkwilini jew Ċenswalisti – Skema 2013

B'referenza għall-Iskema Sussidju fuq Xogħlijiet Relatati ma' Strutturi Perikoluży fi Proprjetà Privata li hija Okkupata minn Qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 minn Inkwilini jew Ċenswalisti ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' Ottubru, 2013, l-Awtorità tad-Djar tixtieq tagħmel dawn l-emendi b'effett immedjat:

1. Temenda Klawsola 5 (ii) (b) biex taqra kif ġej:

(b) L-ammont totali tal-għotja meħuda taħt l-iskemi msemmija fil-paragrafu preċedenti ma jeċċedix flimkien l-ammont ta' €25,000 kif jirriżulta taħt Klawsola 11; u/jew

2. Temenda Klawsola 5 (iii) (v) (b) biex taqra kif ġej:

(b) minn sena qabel id-data tal-applikazzjoni sal-approvazzjoni għat-teħid tal-għajnuna taħt din l-iskema, l-applikanti jkunu jippossjedu assi kapitali ta' aktar minn €60,000. Dawn l-assi ma jinkludux l-għamara u karrozzi.

may apply on the relevant application form which can be downloaded from the site of the Department of Local Government (http://localgovernment.gov.mt/en/DLG/Department%20for%20Local%20Government/Pages/Careers.aspx) and addressed to:

The Mayor
(Vacancy Executive Secretary)
San Pawl il-Baħar Local Council
Triq San Pawl, St Paul's Bay

Applications may be sent by post or delivered at the above address in a sealed envelope by noon of Friday, 4th February, 2022.

Late applications will not be considered.

21st January, 2022

HOUSING AUTHORITY

Redemption of Ground Rent – Scheme P

With reference to Scheme P – Redemption of Ground Rent published in the Government Gazette of 13th August, 1996, the Housing Authority notifies the general public that with immediate effect, this Scheme is being closed.

21st January, 2022

HOUSING AUTHORITY

Subsidy on Adaptation Works Related to Dangerous Structures in Private Dwellings Held on Lease or Emphyteusis prior to 1st June, 1995 – Scheme 2013

With reference to Scheme on Adaptation Works in Related to Dangerous Structures in Private Dwellings Held on Lease or Emphyteusis prior to 1st June, 1995, published in the Government Gazette of the 29th October 2013 the Housing Authority, wishes to effect the following amendments with immediate effect:

1. Sub-Clause (ii) (b) of Clause 5 to read as follows:

(b) the total amount of the grants enjoyed under the adaptation schemes referred to in preceding paragraph shall not exceed the amount of €25,000 as laid down in Clause 11; and/or

2. Sub-Clause (iii) (v) (b) of Clause 5 to read as follows:-

(b) applicants possess capital exceeding €60,000 during the preceding year of the date of application till the approval of the grant of subsidy under this Scheme. These assists do not include the bedroom furniture and cars. These assets

Dawn l-assi jistgħu jinkludu ishma f'kumpaniji, immobbli jew ishma minn immobbli f'liema każ il-valutazzjoni tagħhom tkun fid-diskrezzjoni assoluta tal-Awtorità tad-Djar. Dawn l-assi jinkludu wkoll assi miktuba fuq tfal tal-applikanti taħt l-età; u/jew

3. Temenda Klawsola 11(ii) (a) biex taqra kif ġej:

(a) B'riserva għal dak li jingħad hawn taħt, l-applikant li jikkwalifika għall-għajnuna taħt din l-iskema jista' japplika għall-għajnuna f'forma ta' għotja fi flus sa massimu ta' €25,000 bl-iskop li proprjetà tiġi reża fi stat tajjeb ta' abitazzjoni u mingħajr periklu.

4. Temenda Klawsola 11(iv) biex taqra kif ġej:

(iv) L-għajnuna ta' flus għal xogħlijiet taħt din l-iskema ma għandhiex teċċedi l-ispiza totali u raġonevoli tax-xogħlijiet li għandhom isiru bl-approvazzjoni tal-Awtorita' u f'kull każ ma għandhiex teċċedi s-somma ta' €25,000.

Il-21 ta' Jannar, 2022

might include shares in any commercial body, immovables or shares in immovables in which case their valuation will be at the absolute discretion of the Housing Authority; Assets shall also include assets held by children of the married couple who are underage; and/or

3. Sub-Clause (ii) (a) of Clause 11 to read as follows:-

(a) Subject to what is stated below, an applicant, who qualifies for assistance under this scheme may apply for assistance from the Authority by way of an adaptation cash assistance up to a maximum of €25,000 for the purpose of rendering the private dwelling house of an acceptable standard and without any danger.

4. Sub-Clause (iv) of Clause 11 to read as follows:-

(iv) The adaptation cash grant approved under this Scheme shall not exceed the total reasonable costs of the works to be carried out as approved by the Authority, and in each case shall not exceed the amount of €25,000.

21st January, 2022

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX tal-2001 dwar is-Soċjetajiet Koperattivi)

Riżenja ta' Likwidatur

Ordni Nru. 13

Ngħarrfu b'dan li s-Sur Stefan Cachia ta' 63, Triq Ħida, San Ġwann, Il-Kappara, Malta, irreżenja minn likwidatur ta' 'Koperattiva tal-Barklori Soċjetà Limitata'.

Għalhekk l-ordni numru 8 tal-2021 dwar il-ħatra ta' likwidatur kif ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Numru 20,738 tad-19 ta' Novembru, 2021, m'għadhiex iżjed effettiva għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Is-Sur Joseph Abela
Chairman
Bord tal-Koperattivi

L-20 ta' Diċembru, 2021
CB 5/21

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-operative Societies Act No. XXX of 2001)

Resignation of Liquidator

Order No. 13

It is here being notified that Mr Stefan Cachia of 63, Triq Ħida, San Ġwann, Kappara, Malta, has resigned as the liquidator of 'Koperattiva tal-Barklori Soċjetà Limitata'.

Therefore, order number 8 of 2021 regarding the appointment of liquidator published in Government Gazette Number 20,738 of the 19th November, 2021, is no longer effective for all intents and purposes of law.

Mr Joseph Abela
Chairman
Co-operatives Board

20th December, 2021

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA U L-INDUSTRIJA

Lista ta' direct orders mogħtija mill-Ministeru għall-Ekonomija u l-Industrija matul il-perjodu l-1 ta' Lulju, 2021 u l-31 ta' Diċembru 2021, ippubblikata skont l-Artiklu 111 (2) tar-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbliku (S.L 601.03) u skont ċ-ċirkulari tad-Dipartiment tal-Kuntratti Nru. 12/2021.

Il-21 ta' Jannar, 2022

MINISTRY FOR THE ECONOMY AND INDUSTRY

List of direct orders awarded by the Ministry for the Economy and Industry during the period between 1st July, 2021 and 31st December, 2021, published in terms of Article 111 (2) of the Public Procurement Regulations 2016 (S.L 601.03) and in accordance with Contracts Circular No. 12/2021.

21st January, 2022

Direct Orders

Numru ta' Referenza *Reference Number*	Isem *Name*	Data tal-għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Name of Contractor*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Contract value Excluding VAT*
MEIB/65/2018	Malta Crafts Portal Backend System and Databases Enhancements to the Commerce Department	30/06/2021	Webee	€9,800.00
CD/1015/2018	Provision of Legal Advice to the Office of the Permanent Secretary and the Commerce Department in particular to specialisation to the Intellectual Property	01/10/2021	Dr Noel Camilleri	€27,792.00
MEI/30/2021	TV commercials for the Commerce Department during The Local Traveller	27/08/2021	Ms Clare Agius	€10,000.00

Direct Orders – Joint Office

Numru ta' Referenza *Reference Number*	Isem *Name*	Data tal-għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Name of Contractor*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Contract value Excluding VAT*
H/2021	Services icw preparation of LR applications	01/07/2021	Mr. Vince Gilson	€9,000.00
I/2021	Professional Services icw signing of LR plans	29/09/2021	Perit Mark John Scicluna	€7,415.25

KUNSILL LOKALI X-XAGĦRA

Lista ta' kuntratti tal-offerti mogħtija mill-Kunsill Lokali x-Xagħra matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2021 u l-31 ta' Diċembru, 2021, ippubblikata skont Regolament 111(2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi S.L. 601.03.

Il-21 ta' Jannar, 2022

XAGĦRA LOCAL COUNCIL

List of tender contracts awarded by the Xagħra Local Council during the period between 1st July, 2021 and 31st December, 2021, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations S.L. 601.03.

21st January, 2022

Offerti/*Tenders*

Nru. *No.*	Ref. Nru. tal-Offerta *Tender Reference Number*	Isem tal-offerta *Tender Name*	Data tal-għotja *Award Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value excl. VAT*	Valur tal-kuntratt eskluża l-VAT wara *Contract Value excluding VAT after variation*
1	TXLC 03/2021	Works Tender for the resurfacing of Triq Għajn Wajtar with concrete	15/07/2021	Peter Paul Said	€11,981.40c	NA

Nru.	Ref. Nru. tal-Offerta	Isem tal-offerta	Data tal-għotja	Isem il-Kuntrattur	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT	Valur tal-kuntratt eskluża l-VAT wara
No.	*Tender Reference Number*	*Tender Name*	*Award Date*	*Contractor's Name*	*Contract Value excl. VAT*	*Contract Value excluding VAT after variation*
2	TXLC 02/2021	Tender for the supply, installation, testing and commissioning of the lighting system for belvedere Ta' Qaċċa in Xagħra, Gozo	16/07/2021	Richard Cauchi	€26,488.48c	NA
3	TXLC 01/2021	Tender for the provision of engineering consultancy services in relation to projects undertaken by Xagħra Local Council	16/07/2021	Galea Curmi Engineering Consultants Ltd	€12,487.60c	Contract still ongoing

KUNSILL LOKALI L-MARSA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Marsa jgħarraf lill-pubbliku li mill-Ħamis, 27 ta' Jannar, 2022 sal-Ħadd, 30 ta' Jannar, 2022, Triq is-Salib tal-Marsa se tkun magħluqa għat-traffiku. Parkeġġ f'din iż-żona mhux permess tul dawn il-ġranet.

Il-21 ta' Jannar, 2022

MARSA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Marsa Local Council notifies the general public that from Thursday, 27th January, 2022 till Sunday, 30th January, 2022, Triq is-Salib tal-Marsa near Holy Trinity Church will be closed for traffic since an event will be held on Saturday, 29th January, 2022. In the enclosure parking is not permitted.

21st January, 2022

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

Iċ-Chairman Eżekuttiv, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. Il-kwotazzjonijiet/offerti għandhom jintbagħtu online BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 8 ta' Frar, 2022, għal:

*Quot. No. WSC/Q/01/2022. Provvista u konsenja ta' fittings addizzjonali għall-Pembroke Ta' Qali tunnel peripherals għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, 9 ta' Frar, 2022, għal:

*Avviż Nru. WSC/T/110/2021. Xiri ta' threaded pvc riser pipes għal ground water boreholes tal-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation notifies that:

Tenders/quotations will be received on the date and time indicated below. Quotations/tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. on Tuesday, 8th February, 2022, for:

*Quot. No. WSC/Q/01/2022. Supply and delivery of additional fittings for the Pembroke Ta' Qali tunnel peripherals for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Wednesday, 9th February, 2022, for:

*Advt No. WSC/T/110/2021. Purchase of threaded pvc riser pipes for ground water boreholes of the Water Services Corporation.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 11 ta' Frar, 2022, għal:

Avviż Nru. WSC/T/01/2022. Provvista u konsenja ta' Woltman meters DN50 – DN300 lill-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Avviż Nru. WSC/T/03/2022. Provvisti – provvista u installazzjoni ta' fibre optic cable u ancillaries għal boreholes tat-Tramuntana lill-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, 17 ta' Frar, 2022, għal:

Avviż Nru. WSC/T/156/2021. Provvisti – bażi ta' ftehim għall-provvista u konsenja ta' laptops effiċjenti fl-użu tal-enerġija u aċċessorji lill-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

*Kwotazzjoni/Avviż li qed jidhru għall-ewwel darba

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mill-Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-Organisation eID sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-workshops organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-workshops, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom online. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Il-21 ta' Jannar, 2022

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 3 ta' Frar, 2022.

Avviż Nru. 1 Kiri, minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' sit tale quale f' 'Ta' Danza', Iż-Żurrieq, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_51_2008_A. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku

Up to 9.30 a.m. on Friday, 11th February, 2022, for:

Advt No. WSC/T/01/2022. Supply and delivery of Woltman meters DN50 – DN300 to the Water Services Corporation.

Advt No. WSC/T/03/2022. Supplies – supply and installation of fibre optic cable and ancillaries for north boreholes to the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Thursday, 17th February, 2022, for:

Advt. No. WSC/T/156/2021. Supplies – framework agreement for the supply and delivery of energy efficient laptops and accessories to the Water Services Corporation.

*Quotation/Advertisement appearing for the first time

No participation fee is required.

Tender/quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organised by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

21st January, 2022

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 3rd February, 2022.

Advt No. 1. Lease, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site tale quale at 'Ta' Danza', Żurrieq, shown edged in red on plan P.D.JO_51_2008_A. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within

fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru. 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €36,450 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnax-il elf u mija u ħamsin ewro (€12,150) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 2 Kiri għal perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal skopijiet kummerċjali ta' ħanut tale quale f'Nru. 4, Blokk 'C', Triq iċ-Ċikas, Ħaż-Żabbar, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.37_81_32_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €9,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru, 3 Kiri għal perjodu ta' ħmistax-il sena tale quale fl-istat li jinsab fih inkluż xi difetti li jista' jkun hemm moħbija għal skopijiet kummerċjali ta' boathouse mingħajr l-arja tagħha, f'Nru. 9, Xatt it-Tiben, Il-Furjana, kif murija bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2021_0203. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' dsatax-il elf ewro (€19,000) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet.

Il-21 ta' Jannar, 2022

UFFIĊĊJU ELETTORALI

Espressjoni ta' Interess

L-Uffiċċju Elettorali jgħarraf il-ħruġ ta' Espressjoni ta' Interess (ETI) għal servizzi ta' konsulent legali għall-Address Management Unit (AMU). Din l-ETI tista' titniżżel

the previous five years prior to the introduction of the Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documents. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €36,450 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twelve thousand and one hundred and fifty euro (€12,150) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 2. Lease for a period of fifteen (15) years for commercial purposes of a shop tale quale at No. 4, in Block 'C' Triq iċ-Ċikas, Ħaż-Żabbar, as shown edged in red on the plan P.D.37_81_32_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €9,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of three thousand euro (€3,000) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 3. Lease tale quale for a period of fifteen (15) years, in its present state including any latent defects for commercial purposes, of a boathouse without its own airspace at No. 9, Xatt it-Tiben, Floriana, as shown edged in red on the plan P.D.2021_0203. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of nineteen thousand euro (€19,000) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website.

21st January, 2022

ELECTORAL OFFICE

Expression of Interest

The Electoral Office notifies the issue of an Expression of Interest (EOI) for the provision of legal advisor services for the Address Management Unit (AMU). The EOI may be

mis-sezzjoni tal-Pubblikazzjonijiet tas-sit elettroniku tal-Kummissjoni Elettorali (www.electoral.gov.mt).

L-informazzjoni u l-materjal mitluba f'din l-ETI għandhom jitwasslu lill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali bl-idejn f'envelop issiġillat għand l-Address Management Unit, Triq Ġużè Gatt, A29, Qasam Industrijali tal-Marsa, Il-Marsa, jew permezz ta' ittra elettronika lil (amu.electoral@gov.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar, ħin lokali, tal-Ġimgħa, it-28 ta' Jannar, 2022.

Il-21 ta' Jannar, 2022

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT

Id-Direttorat għall-Kurrikulu, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà

Id-Direttorat għall-Kurrikulu, Tagħlim tul il-Ħajja u Impjegabbiltà jgħarraf illi kwotazzjonijiet magħluqa mmarkati 'SMARSF-IP CCTV 2021 quotation for the supply and delivery of IP CCTV cameras at Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex' jiġu milqugħa sa mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tlieta, 28 ta' Jannar, 2022, għal:

Kwot. Nru. SMARSF-IS 20 21. Provvista u installazzjoni ta' cameras tal-IP CCTV f'Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex

Dokumenti rilevanti jistgħu jinġabru minn Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, matul il-ħinijiet tal-uffiċċju – mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30 a.m. san-12.30 p.m., jew permezz ta' ittra elettronika lil (sixthform@ilearn.edu.mt), attenzjoni s-Sa Colombia Cefai.

Min hu interessat jista' jattendi u jara l-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fid-data u l-ħin stipulati.

Il-21 ta' Jannar, 2022

MALTA AIR TRAFFIC SERVICES

Bejgħ ta' Vettura Tale Quale mill-MATS Ltd

MATS Ltd tixtieq tavża li qed jintlaqgħu offerti għall-bejgħ ta' vettura tale quale:

Vettura
Għamla u mudell: Peugeot 207
Sena ta' Manifattura: 2008
Deskrizzjoni: Hatchback
Nru. ta' Reġistrazzjoni: KBL 329
Mili:186,543
Liċenzja: Skadiet 30.11.2021

downloaded from the Publications section of the Electoral Commission's website (www.electoral.gov.mt).

The information and material requested in the EOI must reach the Chief Electoral Commissioner by hand in a sealed envelope at the Address Management Unit, Triq Ġużè Gatt, A29, Qasam Industrijali tal-Marsa, Marsa, or by email to (amu.electoral@gov.mt) by not later than Friday, 28th January, 2022, at noon CET.

21st January, 2022

MINISTRY FOR EDUCATION AND SPORT

Directorate Curriculum, Lifelong Learning and Employability

The Directorate Curriculum, Lifelong Learning and Employability, notifies that sealed offers marked 'SMARSF-IP CCTV 2021 quotation for the supply and delivery of IP CCTV cameras at Sir M A Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, will be received by not later than noon of Tuesday, 28th January, 2022, for:

By means of a Notice of hearing issued by the Court of Appeal, in the case before the Court of Appeal between Adrian Vella Petroni and his wife Lilian Vella Petroni vs HSBC Bank Malta plc, Gaetano Savery and Richline Savery Testa, on the 19th February, 2021, and another Notice accordin g to Article 209 and 249 of the Code of Civil Procedure which in virtue of this publication is being notified to the plaintiff appellants Adrian Vella Petroni and his wife Lilian Vella Petroni.

Notice According to Article 209 and 249 of the Code of Organisation and Civil Procedure.

Be sure to pay the guarantee for the costs of the cause or you will otherwise forfeit the right to be heard by the Court of Appeal.

To: Vella Petroni Adrian et, Blue Waters Apartments, 8A, Triq Piscopo Macedonia, Xemxija, St Paul's Bay

You are required to make a guarantee for the costs of your cause in the amount of Reg. € 4,870.00 + Adv. and PL €5,826.49 = €10,696.49.

In the Judicial Sales Section of the Courts of Justice, Valletta, not later that two days before the hearing of your appeal. If you do not do this you will forfeit the right of the hearing of the Appeal before the Honourable Court of Appeal and your cause will be deserted.

Il-garanzija għall-ispejjeż tal-kawża tista' ssir billi jiġu depożitati flus fis-Sezzjoni tas-Subbasti fil-Qrati tal-Ġustizzja, Il-Belt Valletta, fl-ammont hawn fuq imsemmi jew billi tingħieb garanzija bankarja skont il-formola preskritta.

Il-Gvern ta' Malta, korporazzjonijiet pubbliċi, il-Bank Ċentrali ta' Malta u l-banek li għandhom liċenza maħruġa skont l-Att Dwar Il-Kummerċ Bankarju huma eżenti milli jagħmlu din il-garanzija.

Hu ħsieb li tikkuntattja minnufih 'l-Avukat tiegħek.

Illi kif ġja premess qed jiġi notifikat in virtù ta' din il-pubblikazzjoni r-rikors tal-Appell tal-Bank HSBC Bank Malta plc hawn taħt miġjub lill-konvenuta appellata Richline Savery Testa, in virtù ta' din il-pubblikazzjoni.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Qorti tal-Appell (Superjuri) fir-Rikors numru 407/2011 MCH, Rikors fl-ismijiet Adrian Vella Petroni u martu Lilian Vella Petroni vs HSBC Bank Malta plc, Gaetano Savery u Richline Savery Testa, fil-15 ta' Marzu, 2016, ir-rikorrenti Bank konvenut HSBC Bank Malta plc (C3177) espona bir-rispett:

Illi f' din il-kawza l-atturi konjugi Vella Petroni qegħdin jittentaw jattakaw il-validità ta' kuntratt ta' rahan bejn Vella Petroni u l-Bank esponenti u konsegwentement qegħdin jitolbu l-ħlas lura ta' somma ta' €232.937.34 illi l-Bank approprja ai termini tal-istess ftehim ta' rahan;

Illi b'sentenza tal-24 ta' Frar, 2016, l-Ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet it-talbiet kollha talk-atturi u kkonfermat il-validità tal-ftehim ta' rahan però stqarret li l-Bank ma setax minn jeddu jappproprja l-flus mirhuna iżda kellu qabel jitlob awtorizzazzjoni għal dan mill-Qorti bi proċedura kontenzjuza. Abbażi ta' dan ir-raġunament l-Ewwel Qorti laqgħet limitatament ir-raba' talba tal-atturi;

1.0 Ir-rikors maħluf u l-eċċezzjnijiet imressqa mill-Bank intimat u minn Savery.

Illi fir-rikors maħluf tas-26 ta' April, 2014, l-atturi Vella Petroni talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi fl-ewwel lok illi l-kumpanija konvenuta HSBC Bank Malta plc ma kellhiex id-dritt li tapproprja u tpaċi flus tal-esponenti miżmuma minnhom fil-kont bankarju bin-numru 085-108447-103 ma' djun tal-konvenuti Gaetano Savery u Richline Savery Testa, għax peress illi l-kuntratt ta' rahan tal-1 ta' Novembru, 2007, kien il-kont bin-numru 085-108447-102 illi ngħata b'rahan;

The guarantee for the costs of the cause can be made by depositing money in the Judicial Sales Section of the Court of Justice, Valletta in the amount above mentioned or by presenting a bank guarantee according to the prescribed form.

The Government of Malta, Public Corporations, the Central Bank of Malta and the Banks who have a license issued according to the Act regulating Banking transactions are exempt from making this guarantee.

Take note to contact your Lawyer immediately.

That as already premised in virtue of this publication the application of Appeal of the Bank HSBC Bank Malta plc hereunder brought forward is being notified to the respondent defendant Richline Savery Testa, in virtue of this publication.

By means of an Application, presented, in the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) Application Number 407/2011 MCH, Application in the names Adrian Vella Petroni and his wife Lilian Vella Petroni v HSBC Bank Malta plc, Gaetano Savery and Richline Saver Testa, on the 15th March, 2016, the applicant defendant Bank HSBC Bank Maqlta plc (C3177) respectfully pleaded:

That in this cause the plaintiffs spouses Vella Petroni are trying to attack the validity of the contract of pledge between Vella Petroni and the interpellant Bank and consequently are asking the payment back of the sum of €232.937.34 that the Bank appropriated in terms of the same agreement of pledge;

That by a judgement of the 24th February 2016, the Honourable First Court rejected all the demands of the plaintiffs and confirmed the validity of the agreement of pleadeg however declared that the Bank could not of its own initiative appropriate itself of the money pledged but had before to demand the authorisation fo this purpose from the Court by a contentious procedure.On the basis of this reasoning the Honourable First Court limitedly upheld the fourth demand of the plaintiffs;

1.0 The sworn Application and the pleas brought forward by the respondent Bank and by Savery.

That the sworn application of the 26th April 2014, the plaintffs Vella Petroni asaked this Honourable Court:

1. To declare and decide in the first place that the defendant company HSBC Bank Malta plc did not have the right to appropriate and set off the money belonging to the interpellant held by them in the bank acccount with number 085-108447-103 with debts of the defendant Gaetano Savery and Richline Savery Testa, because by the contract of pledge of the 1st November, 2007, the account with number 085-108447-102 had been given by pledge.

2. Tiddikjara u tiddeċiedi fit-tieni lok illi l-kuntratt ta' rahan iffirmat mill-esponenti nhar l-1 ta' Novembru, 2007, hawn fuq imsemmi huwa null u bla effett billi l-kunsens tal-esponenti ġie karpit b'qerq u għemil doluż;

3. Tiddikjara u tiddeċiedi fit-tielet lok illi l-kuntratt ta' rahan iffirmat mill-esponenti nhar l-1 ta' Novembru, 2007, hawn fuq imsemmi huwa ukoll null u bla effett legali billi l-kawża jew kunsiderazzjoni ta' dak il-kuntratt hija waħda falza;

4. Sussidjarjament tiddikjara u tiddeċiedi fir-raba' lok illi l-kuntratt ta' rahan inkwantu awtorizza lill-kumpanija bankarja konvenuta HSBC Bank Malta plc tapproprja flus tal-esponenti huwa null peress li jmur kontra dak li jiddisponi l-Artikolu 1973 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta'Malta.

… omissis …

2.0 Is-Sentenza Appellata

Illi l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-każ b' sentenza tal-24 ta' Frar, 2016, kif ġja ntqal u l-Qorti ċaħdet l-ewwel tliet talbiet attriċi u parzjalment ir-raba' talba,

Illi l-Appell odjern jindirizza din il-pari tas-sentenza u għalhekk ikun utili li tiġi hawn riprodotta.

Nullità tal-kuntratt ta' rahan għax jikser l-Artikolu 1973 tal-Kap 16.

Dan l-Artikolu jgħid hekk:

… omissis …

Il-Qorti tqis li l-lanjanza tal-atturi hi ġustifikata u l-Bank konvenut naqas u ma mexiex skont il-liġi. Fil-fehma tal-Qorti l-Bank kellu jitlob lill-Qorti bi proċedura kontenzjuża sabiex jiġi awtorizzat jiżbanka l-flus bi dritt skont il-kuntratt ta' rahan afdat minnu.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-ewwel tliet talbiet attriċi filwaqt li għar-rigward tar-raba' talba tiddikjara li għalkemm il-kuntratt ta' rahan huwa validu l-Bank kellu jitlob u jottjeni l-approvazzjoni u l-awtorizzazzjoni tal-Qorti wara d-debita proċedura ġudizzjarja u għalhekk qed tintlaqa' r-raba' talba b'dan il-mod limitat.

3.0 L-Aggravji

Illi l-bank esponenti jħossu aggravat minn din il-parti tas-sentenza u minnha qed iressaq dan l-umli appell,

2. Declare and decide in the second place that the contract of pledge signed by the interpellant on the 1st November, 2007, above mentioned is null and without effect as the consent of the interpellant was obtained by deceit and malicious acts;

3. Declare and decide in the third place that the contract of pledge signed by the interpellant on the 1st November, 2007, above mentioned is also null and without legal effect as the cause or consideration of that contract is false;

4. Subsidiarily declare and decide in the fourth place that the contract of pledge in so far as it authorised the defendant banking company HSBC Bank Malta plc appropriated the monies of the interpellant is null as it goes against that provided by Article 1973 of Cap 16 of the Laws of Malta.

… omissis …

2.0 The Judgement Appealed

That the Court of First Instance decided the cause by a judgement of the 24th February, 2016, as already stated and the Court rejected the first three demands of the plaintiff and partially the fourth demand,

That the present Appeal addresses this part of the judgement and thus it is useful that it is hedreunder reproduced.

Nullity of the contract of pledge because it violates the Article 1973 of Cap. 16.

This Article states thus;

… omissis …

The Court considers that the complaint of the plaintiffs is justified and the defendant Bank failed and did not proceed according to law. In the opinion of the Court the Bank had to ask the Court by contentious procedure in order to be authorised to withdraw by right the monies according to the contract of pledge entrusted to it.

For these reasons the Court rejects the first three demaneds of the plaintiff whilst as regards the fourth demand it declares that altough the contract of pledge is valid the Bank had to obtain the approval and the authorisation of the Court after the due judicial procedure and thus this fourth demand is being upheld in this limited manner.

3.0 The Grievances.

That the interpellant bank feels aggrieved by this part of the judgemen and is bringing forward this humble appeal,

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

… omissis …

1. L-Ewwel Aggravju. Rahan ta' flus li jinsabu f'kont bankarju jekwivali għal rahan ta' kreditu. Għaldaqstant japplika f'dan il-każ l-Artikolu 1968 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux l-Artikoli 1970 u 1973 tal-Kap. 12,

… omissis …

2.It-Tieni aggravju. Il-liġi għandha tiġi interpretata b'mod li tagħmel sens. B'differenza minn mobbli oħra ma jagħmilx sens illi jsir 'bejgħ ta' flus' u del resto kif osservat l-Ewwel Qorti stess l-iskop li għalih il-liġi titlob li jsir bejgħ tal-mobbli mirhuna ma japplikax f'każ ta' flus;

3. It-Tielet Aggravju. Is-sentenza appellata hija kontradittorja fis-sens illi għalkemm il-Qorti tisħaq illi jdejha marbuta mid-disposti tal-Artikolu 1970 u 1973 tal-Kap. 12, id-direzzjoni li tat fis-sentenza li ssir proċedura kontenzjuża, ma tirriflettix dawn l-Artikli tal-Liġi.

… omissis …

6. Konkluzjoni

Għaldaqstant, fid-dawl tas-su espost filwaqt li ssir referenza għall provi prodotti u ssir riżerva għall-produzzjoni ta' provi ulterjuri jekk ammissibbili skont il-liġi l-Bank konvenut appellant HSBC Bank Malta plc jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell, tirriforma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-24 ta' Frar, 2015, fuq ċitata billi filwaqt li tikkonfermaha safejn ċaħdet l-ewwel tliet talbiet attriċi u safejn ikkonferma illi l-kuntratt ta' rahan huwa validu tħassarha fejn sabet illi l-Bank ma kellux jedd jappproprja l-flus depożitati bi tpaċija għall-kreditu dovut lill-Bank qabel ma jitlob u jottjeni l-approvazzjoni u l-awtorizzazzjoni tal-Qorti wara d-debita proċedura ġudizzjarja, Il-Bank appellant jitlob illi minflok din l-Onorabbli Qorti tal-Appell tiċħad ukoll ir-raba' talba tal-atturi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati.

Notifika: Adrian u Lilian konjugi Vella Petroni, Blue Waters Apartments, 8A, Triq Piscopo Macedonia, Ix-Xemxija, San Pawl il-Baħar

Richline Savery Testa, Block 2, Building A, Flat 7, Vjal ir-Rihan,San Ġwann

Ir-Rikors numru 407/2011/1 MCH, fl-ismijiet Adrian Vella Petroni et vs HSBC Bank Malta plc jinsab differit għas-smigħ għas-17 ta' Frar, 2022, fid 9.10 a.m.

That the Grievances are clear and manifest and consist in the following:

… omissis …

1. The First Grievance. Pledge of monies which are in a bank account is equivalent to a pledge of a credit. Thus there applies in this case the Article 1968 of Cap. 16 of the Laws of Malta and not Articles 1970 and 1973 of Cap. 12.

… omissis …

2. The Second Grievance. The law should be interpreted in a way that makes sense. With a difference from other movables it does not make sense that a 'sale of monies' and as the Court of First Instance observed the purpose for which the law demands that a sale of pledged movables be made does not apply in case of monies;

3. The Third Grievance. The judgement appealed is contradictory in the sense that although the Court emphasises that it is bound by the provisions of Article 1970 and 1973 of Cap. 12 the direction it gave in the judgement that a contentious procedure is to be made does not reflect these Articles of Law.

… omissis …

6. Conclusion

Thus, in the light of the above whilst reference is made to the proof produced and reservation for the bringing forward of further proof is made if admissible according to law the defendant appellant Bank HSBC Bank Malta plc respectfully prays this Honourable Court of Appeal, to reform the judgement of the First Hall Civil Court of the 24th February, 2015, above mentioned by whilst confirming it in so far as it rejected the first three demands of the plaintiff and in so far as it confirmed that the contract of pledge is valid cancels it where it found that the Bank did not have the right to appropriate the monies deposited to set off the credit due to the Bank before demanding and obtaining the approval and the authorisation of the Court after the due judicial procedure, the appellant bank demands instaed that this Honourable Court of Appeal, reject also the fourth demand of the plaintiffs with costs of both instances against the respondent plaintiffs.

Service: Adrian and Lilian spouses Vella Petroni: Blue Waters Apartments, 8A, Triq Piscopo Macedonia, Xemxija, St Paul's Bay

Richline Savery Testa, Block 2, Building A, Flat 7, Vjal ir-Rihan, San Ġwann

The Application number 407/2011/1 MCH, in the names Adrian Vella Petroni et vs HSBC Bank Malta plc has been put off for hearing to the 17th February, 2022, at 9.10 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 19 ta' Jannar, 2022

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 19th January, 2022

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

100

B'digriet tal-5 ta' Novembru, 2021, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn United Acceptance Finance Limited (C360) fil-15 ta' Lulju, 2021, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' €2,224.18 minn United Acceptance Finance Limited (C360) depożitat b'ċedola ta' depożitu numru 1628/2021 fl-ismijiet:

United Acceptances Finances Limited vs Zvonka Kalanj (KI 113383A) u Mohamed Nabil Ibrahim (KI 117743A)

Il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti b'ġimgħa żmien għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 25 ta' Novembru, 2021

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 5th of November, 2021, given by the Courts of Magistrates (Malta), ordered that the extract hereunder mentioned to be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application filed by United Acceptances Finance Limited (C360) on the 15th July, 2021, is asking for the withdrawal of the amount €2,224.18 by United acceptances Finance Limited (C360) deposited by the Schedule of Deposit number 1628/2021 in the names of:

United Acceptances Finances Limited vs Zvonka Kalanj (ID113383A) u Mohamed Nabil Ibrahim (ID 117743A)

The Court ordered the notification of this application with one week to reply.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today the 25th November, 2021

MARVIC FARRUGIA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

101

Repubblika ta' Malta

Bandu għall-Kuratur

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fl-4 ta' Jannar, 2022, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikoli 187(3) u 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-4 ta' Jannar, 2022, fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens bin-numru 424/2021 BS ta' Antonia mart Carmel Mercieca, mara tad-dar, George Grech, irtirat; Michelangelo sive Michael Grech, legalment separat, impjegat governattiv; Natalina mart Moses Briffa legalment separata, mara tad-dar; u Maria mart Joseph Galea divorzjata, aħwa Grech, ulied il-mejtin Anthony Grech u Elizabeth nèe Fenech, imwildin ikoll

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer (Courts of Magistrates) Gozo

It is hereby notified that by a decree dated 4th January, 2022, the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced hereunder for the purpose of service in terms of sections 187(3) and 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By decree given by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, on the 4th of January, 2022, in the acts of the schedule of deposit and contextual redemption of a lease bearing number 379/2021 BS of Antonia wife Carmel Mercieca, housewife; George Grech, retired; Michelangelo sive Michael Grech, legally separated, government employee; Natalina wife Moses Briffa legally separated, housewife; and Maria wife Joseph Galea divorced, Grech siblings, sons of Anthony Grech

Victoria, Għawdex, rispettivament fl-10 ta' Jannar, 1954; fis-6 ta' Ottubru, 1956; fil-15 ta' Diċembru, 1958; fil-25 ta' Diċembru, 1963; u fil-23 ta' Settembru, 1952; u residenti 'Saint Anthony', Triq Ġużè Micallef, Victoria, Għawdex; 'Weeping Madonna', Triq Ċetta Mintoff, Victoria, Għawdex; 'Saint Joseph', Flat 5, Triq Għajn Qatet, Victoria, Għawdex; 38, Triq Għajn Qatet, Victoria, Għawdex; u 1551, 3, Ferdinand, Detroit, Michigan, L-Istati Uniti tal-Amerika, karti tal-identità numri 5854G, 5356G, 459G, 164G u passaport Amerikan numru 568796789 rispettivament; Kim Elizabeth armla ta' Dominic Grech, bint missier mhux magħruf u Joan Taylor, imwielda Birimingham, ir-Renju Unit u toqgħod 'The Brummies', Triq Karlu Galea, Victoria, Għawdex, Karta tal-identità numru 299907L; Michael, financial adviser, Francis, u George Grech aħwa wlied Lawrence u Maria nèe Portelli, imwildin Victoria, Għawdex, rispettivament fit-18 ta' Settembru 1960, fis-7 ta' Diċembru 1961; u fil-4 ta' Ġunju, 1975, u rispettivament 95, Triq 27 ta' Novembru 1678, Ix-Xewkija, Għawdex XWK 2631; 96, Triq Għajn Qatet, Victoria, Għawdex VCT 2104; u Wellspring Court, Flat 1, Triq Fuq il-Għajn, Għajnsielem, Għawdex GSM 1231, karti tal-identità numri 51960G, 54561G, u 13075G. Loreta sive Lolly Grech, xebba, pensjonanta, imwielda Victoria, Għawdex, fl-20 ta' Marzu, 1953, u residenti 32, Triq Għajn Qatet, Victoria, Għawdex; Emanuel Grech, pensjonant, imwieled Victoria, Għawdex, fit-18 ta' Ottubru, 1950, u residenti 19, Triq l-Arċisqof Pace, Victoria, Għawdex; Maria mart Renald Galea, pensjonant, imwielda Victoria, Għawdex, fil-21 ta' Jannar, 1952, u residenti 'Anais', Triq l-Għenieqed, Ħ'Attard, Malta; Josephine mart Joseph Ghio, pensjonanta, imwielda Victoria, Għawdex, fis-16 ta' Diċembru, 1954, u residenti 56, Tarxien Road, Ħal Tarxien, Malta; Michaelangela sive Lina mart Michael Mizzi, direttriċi ta' kumpanija, imwielda Victoriia, Għawdex, fit-3 ta' Novembru, 1960, u residenti 187, 'De Rowell', Triq il-Linja, Ħ'Attard, Malta; u Pauline Grech, xebba, headteacher, imwielda Victoria, Għawdex, fit-28 ta' Jannar, 1964, u residenti 32, Triq Għajn Qatet, Victoria, Għawdex, karti tal-identità numri 19853G, 79650G, 6265G, 73654G, 62160G, u 4364G rispettivament, aħwa wlied Joseph u Esther nèe Cordina; Francesca mart Saviour Micallef, fiżjoterapista, u Michelina sive Michelle mart Joseph Attard teacher, aħwa Zammit ulied il-mejtin Michaelangelo Zammit u Maria Eucharistica nèe Grech, imwildin Ħ'Attard u Victoria rispettivament fis-7 ta' Awwissu, 1967 u fis-7 ta' Ġunju, 1969, u residenti rispettivament 68, Triq il-Kunsill Ċiviku, Victoria, Għawdex, u 36, Triq Għajn Qatet, Victoria, Għawdex, karti tal-identità numri 336867M u 16569G rispettivament; Reverendu Dun Charles, Paul, Joseph u Maria mart Paul Vella aħwa Cini wlied Carmelo u Carmela née Cordina, imwildin Victoria, rispettivament fit-2 ta' Awwissu, 1944; fl-20 ta' Settembru, 1946; fil-21 ta' Jannar, 1955; u fl-1 ta' Frar, 1952, karti tal-identità numri 65344G, 72746G, 6555G, u 11252G

and Elizabeth née Fenech, born in Victoria, Gozo, on 10th January, 1954; 6th October, 1956; 15th December, 1958; 25th December, 1963; and 23rd September, 1952, and residents of 'Saint Anthony', Triq Ġużè Micallef, Victoria, Gozo; 'Weeping Madonna", Triq Ċetta Mintoff, Victoria, Gozo; 'Saint Joseph', Flat 5, Triq Għajn Qatet, Victoria, Gozo; 38, Triq Għajn Qatet, Victoria, Gozo; and 1551, 3, Ferdinand, Detroit, Michigan, United States of America, identity cards numbers 5854G, 5356G , 459G, 164G and US Passport number 568796789 respectively; Kim Elizabeth widow of Dominic Grech, daughter of an unknown father and Joan Taylor, born in Birimingham, United Kingdom and living in 'The Brummies', Triq Charles Galea, Victoria, Gozo, ID card number 299907L; Michael, financial adviser, Francis, and George Grech siblings Lawrence and Maria née Portelli, born Victoria, Gozo, respectively on 18th September, 1960; 7th December, 1961; and 4th June, 1975; respectively 95, Triq 27 November 1678, Xewkija, Gozo XWK 2631; 96, Triq Għajn Qatet, Victoria, Gozo VCT 2104; and Wellspring Court, Flat 1, Triq Fuq il-Għajn, Għajnsielem, Gozo GSM 1231, identity cards numbers 51960G, 54561G and 13075G. Loreta sive Lolly Grech, spinster, pensioner, born in Victoria, Gozo, on 20th March, 1953, and resident 32, Triq Għajn Qatet, Victoria, Gozo; Emanuel Grech, pensioner, born in Victoria, Gozo, on 18th October, 1950, and resident 19, Triq l-Arċisqof Pace, Victoria, Gozo; Maria wife of Renald Galea, pensioner, born Victoria, Gozo, on 21st January, 1952, and resident of 'Anais', Triq l-Għenieqed, Ħ'Attard, Malta; Josephine wife of Joseph Ghio, pensioner, born Victoria, Gozo, on 16th December, 1954, and resident 56, Tarxien Road, Ħal Tarxien, Malta; Michaelangela sive Lina wife Michael Mizzi, company director, born Victoria, Gozo on 3rd November, 1960; and resident 187, 'De Rowell', Triq il-Linja, Ħ'Attard, Malta; and Pauline Grech, headteacher, spinster, born in Victoria, Gozo, on 28th January, 1964, and resident 32, Triq Għajn Qatet, Victoria, Gozo, identity cards numbers 19853G, 79650G, 6265G, 73654G, 62160G, and 4364G respectively, siblings Joseph and Esther née Cordina; Francesca wife Savior Micallef, physiotherapist, and Michelina sive Michelle wife Joseph Attard, teacher, Zammit, siblings son of the deceased Michaelangelo Zammit and Maria Eucharistica née Grech, born in Ħ'Attard and Victoria respectively on 7th August, 1967 and 7th June, 1969, and resident respectively 68, Triq il-Kunsill Ċiviku, Victoria, Gozo, and 36, Triq Għajn Qatet, Victoria, Gozo, identity card numbers 336867M and 16569G respectively; Rev. Charles, Paul, Joseph, and Maria, wife of Paul Vella, siblings Cini, sons of Carmelo and Carmela née Cordina, born Victoria, respectively, on 2nd August, 1944; 20th September, 1946; and 21st January, 1955; and on the 1st February, 1952, identity card numbers 65344G, 72746G, 6555G, and 11252G respectively residents of 'Tal-Mija',

rispettivament residenti 'Tal-Mija', Triq ta' Barda, Marsalforn, Għawdex; 'Dar il-Paċi', Triq San Giuseppi Labre, Victoria; 100, Triq tal-Għajn, Il-Fontana; u 'Vicajna', Triq it-Tabib Anton Tabone, Victoria, Għawdex, jesponu bir-rispett:

Illi Michaelangelo Grech, bin Lorenzo u Grazia née Grima matul iż-żwieġ tiegħu, ma' Maria Attard kien l-ewwel ħa b'titolu ta' antikresi bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo tat-tlieta (3) ta' Novembru elf disa' mija sebgħa u tletin (1937) porzjon art magħrufa bħala 'Tal-Ibraġġ' fil-limiti tar-Rabat, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka tliet sigħan, konfinanti mill-Punent u min-Nofsinhar ma' beni ta' Francesco Buhagiar, mil-Lvant ma' beni ta' Angela Azzopardi u mit-Tramuntana ma' beni ta' Salvu Spiteri, kif suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' żewġ xelini llum ekwivalenti għal tlieta u għoxrin ċenteżmu ta' ewro (€0.23c);

Wara mewtu, din l-antikresi ġiet ikkonvertita f'bejgħ bis-saħħa tal-artikolu 1987(3) tal-Kodiċi Ċivili skont in-nota tal-insinwa numru 1509/2018.

Iktar tard, dejjem matul iż-żwieġ tiegħu, bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tal-istess Nutar Francesco Refalo tat-tlieta (3) ta' Settembru elf disa' mija sebgħa u erbgħin (1947) Michaelangelo Grech xtara porzjon art oħra wkoll magħrufa bħala 'Tal-Ibraġġ' fil-limiti ta' Victoria, tal-kejl ta' madwar tliet sigħan, konfinanti mit-Tramuntana ma' entrata, mill-Punent ma' beni tiegħu stess (l-art hawn fuq deskritta), min-Nofsinhar ma' beni tal-eredi ta' Salvatore Spiteri kif suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' żewġ xelini, għaxar soldi u tmien ħabbiet, illum ekwivalenti erbgħa u tletin ċenteżmu (€0.34c);

Illi l-esponenti huma lkoll eredi ta' Michaelangelo Grech u martu fil-kwoti ta' ta' sesta parti ta' disa' partijiet minn erbgħin (1/6 of 9/40) kull wieħed u waħda Antonia Mercieca u ħutha kif ukoll Kim Elizabeth Grech; terza parti ta' disa' partijiet minn erbgħin (1/3 of 9/40) kull wieħed Michael, George u Francis Grech; sesta parti ta' disa' partijiet minn erbgħin (1/6 of 9/40) kull wieħed u waħda Loreta Grech u ħutha; nofs indiviż ta' disa' partijiet minn erbgħin (1/2 of 9/40) kull waħda Francesca Micallef u Michelina Attard; u parti waħda minn erbgħin (1/40) kull wieħed u waħda Reverendu Dun Charles Cini u ħutu;

Illi l-esponenti ma għandhomx idea lil min suppost jitħallas dan iċ-ċens u effettivament dan iċ-ċens qatt ma tħallas;

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu rwieħhom mill-fakultà mogħtija lilhom bl-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili u jifdu dan iċ-ċens, li fit-totalità tiegħu, kapitalizzat bir-rata ta'

Triq ta' Barda, Marsalforn, Gozo; 'Dar il-Paċi', Triq San Giuseppi Labre, Victoria; 100, Triq tal-Għajn, Fontana; and 'Vicajna', Triq it-Tabib Anton Tabone, Victoria, Gozo, humbly requests:

That Michaelangelo Grech, son of Lorenzo and Grazia née Grima during his marriage, with Maria Attard was first taken as an antichrist by virtue of a contract in the deeds of Notary Francesco Refalo of the 3rd of November, 1937, a portion of land known as 'Tal-Ibraġġ' within the limits of Rabat, Gozo, measuring approximately three hours, bordering west and south with properties of Francesco Buhagiar, east with property of Angela Azzopardi and north with property of Salvu Spiteri, as subject to the annual and perpetual groundrent of two shillings today equivalent to twenty-three cents of euro (€0.23c);

After his death, this antichresis was converted into a sale by virtue of article 1987 (3) of the Civil Code according to note of registration number 1509/2018.

Later, also during his marriage, by virtue of a contract in the deeds of the same Notary Francesco Refalo of the 3rd of September, 1947, Michaelangelo Grech bought another portion of land also known as 'Tal-Ibraġġ' in the limits of Victoria, measuring about three hours, bounded on the north by an entrance, on the west by his own estate (the land above described), south with the property of the heirs of Salvatore Spiteri as subject to the annual and perpetual groundrent of two shillings, ten pennies and eight grains, today the equivalent of thirty-four cents (€0.34c);

That the exponents are all heirs of Michaelangelo Grech and his wife in the shares of a sixth part of nine parts out of forty (1/6 of 9/40) each Antonia Mercieca and her siblings as well as Kim Elizabeth Grech; a third of nine parts out of forty (1/3 of 9/40) each Michael, George and Francis Grech; sixth part of nine parts out of forty (1/6 of 9/40) each Loreta Grech and her siblings; an undivided half of nine parts out of forty (1/2 of 9/40) each Francesca Micallef and Michelina Attard; and one part of forty (1/40) each Rev. Rev. Charles Cini and his siblings;

That the applicants have no information to whom this groundrent is supposed to be paid and in fact this rent has never been paid;

That the applicants wish to avail themselves of the faculty conferred on them by article 1501 of the Civil Code and redeem this ground rent, which in its entirety, capitalized at

ħamsa fil-mija (5%) jammonta għal ħdax-il euro u erbgħin ċenteżmu (€11.40c);

Illi barra minn hekk, sabiex jeżimu ruħhom minn kull responsabbiltà, l-esponenti jixtiequ li jħallsu wkoll l-arretrati ta' ċens għal dawn l-aħħar tletin (30) sena, liema arretrati jġibu s-somma ta' sbatax-il euro u għaxar ċenteżmi (€17.10c);

Għaldaqstant, sabiex jeżimu ruħhom minn kull responsabbiltà l-esponenti qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw is-somma komplessiva ta' tmienja u għoxrin ewro u ħamsin ċenteżmu (€28.50) fidi ta' ċens u arretrati ta' ċens kif fuq spjegat, liema somma tista' liberament tiġi rilaxxata lill-intimata wara li titħalla d-debita riċevuta.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dr Brigitte Sultana, LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 18 ta' Jannar, 2022

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

SILVIO XERRI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

the rate of five per cent (5%) amounts to eleven forty euros (€11.40c);

That in addition, in order to absolve themselves of all liability, the applicants wish to also pay the arrears of a groundrent for the last thirty (30) years, which arrears amount to the sum of seventeen and ten euros. cents (€17.10c);

Accordingly, in order to relieve themselves of all liability, the exponents are addressing this Honorable Court and under its authority deposit the total sum of twenty-eight euros and fifty cents (€28.50) redemption of groundrent and arrears of groundrent as explained above, which sum may be freely released to the respondent after the debit received has been released.

You, the executive officer of the Court of Magistrates (Gozo), are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court, and to summon whosoever would like to act as curator to appear in this Registry within six (6) days, and by means of a minute to submit a declaration that they would like to so act.

You are also ordered to inform each and every one that if they fail to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed with the selection of official curators. And after so doing, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to forthwith inform this Court.

Issued by the aforementioned Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section under the signature of Magistrate Dr Brigitte Sultana, LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit, Magistrate of the said Court.

This 18th of January, 2022

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

SILVIO XERRI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals.

102

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fid-9 ta' Awwissu, 2021, il-Bord li Jirregola l-Kera, ordna l-pubblikazzjoni ta' digriet riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u dan fil-konfront ta':

It is hereby notified that by a decree dated the 9th of August, 2021, the Rent Regulation Board, ordered the publication of the Application reproduced hereunder for the purpose of service in terms of section 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure, and this with regards to:

Rikors Ġuramentat numru 11/2021 SG

Joseph Attard (KI 71548G), 30, Triq Għar Gerduf, Ir-Rabat, Għawdex

vs

Keith Mockett, Flat 9, Thezeldo Apartments, Triq Tan-Naħla, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex

Rikors ġuramentat tal-attur Joseph Attard ai termini tal-artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jesponi bil-qima u bil-ġurament tiegħu jikkonferma:

1. Illi huwa jikri lill-konvenut l-appartament internament immarkat bin-numru 9, Thezeldo Apartments, Triq Tan-Naħla, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, in forza ta' skrittura datata l-ħmistax (15) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala dokument 'JA1';

2. Illi l-konvenut naqas milli jħallas il-kera ta' tliet xhur konsekuttivi bejn Marzu 2021 u Ġunju 2021 fl-ammont totali ta' elf, u tliet mija u ħamsin ewro (€1,350);

3. Illi din il-kirja għalqet fil-ħmistax (15) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021);

4. Illi minkejja dan il-konvenut għadu jokkupa dan l-appartament sal-ġurnata tal-lum;

5. Illi l-konvenut ġie interpellat sabiex jiżgombra u sabiex iħallas din is-somma lill-attur permezz ta' ittra uffiċjali spedita f'Ġunju 2021 (kopja annessa u mmarkata bħala dokument 'JA2'), iżda dan baqa' inadempjenti;

6. Illi l-attur irid illi jitħallas il-kera kif spjegat fuq u kif ukoll sabiex il-konvenut jiżgombra minn dan l-appartament stante illi l-kirja llum għalqet;

7. Illi l-attur jidhirlu illi l-konvenut m'għandu l-ebda difiża x'jagħti għal din il-kawża u għalhekk konsegwentement jemmen illi dan il-Bord jista' jiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ fit-termini tal-artikolu sittax ittra 'A' (16A) tal-Kap. disgħa u sittin (69) tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Illi dan ir-rikors qed isir u qed jiġi kkonfermat bil-ġurament mill-attur Joseph Attard li għandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawża.

Sworn Application number 11/2021 SG

Joseph Attard (ID 71548G), 30, Triq Għar Gerduf, Victoria, Gozo

vs

Keith Mockett, Flat 9, Thezeldo Apartments, Triq Tan-Naħla, Marsalforn, limits of Żebbuġ, Gozo

Sworn Application of Joseph Attard in terms of Article 16A of Cap. 69 of the Laws of Malta.

Respectfully submits and on oath declares:

1. That applicant granted on lease to the defendant the apartment internally marked as number nine (9), Thezeldo Apartments, Triq Tan-Naħla, Marsalforn, limits of Żebbuġ, Gozo, by virtue of a lease agreement dated the fifteenth (15th) June of the year two thousand and twenty (2020), a copy of which is herewith attached and marked as document 'JA1';

2. That as of this date the defendant has failed to pay the rent for three consequive months between March 2021 till June 2021 for the total amount of one thousand and three hundred and fifty euro (€1,350);

3. That the lease terminated on the fifteenth (15th) June of the year two thousand and twenty-one (2021);

4. The despite this the respondent still occupies the leased property to this date;

5. That the defendant has been requested to vacate the leased property and to pay the rent due by virtue of a judicial letter sent in June of the year 2021 (a copy of which is herewith attached and marked as document 'JA2'), however, the defendant has failed to comply;

6. That the applicant wishes to be paid the rent due to him, as explained above, for the months between March 2021 till June 2021 and for the defendant to vacate the apartment since the lease terminated;

7. That applicant declares that to his best knowledge and belief the defendant does not have a valid defence to rebut the applicant's claims, and that this application can be decided by this Honourable Board in terms of Article sixteen letter 'A' (16A) of Cap. sixty-nine (69) of the Laws of Malta;

8. That this application is being done and is being confirmed on oath by applicant Joseph Attard who has full knowledge of the facts in dispute.

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex dan l-Onorabbli Bord m'għandux:

1. Jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ fit-termini tal-artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jiddikjara illi l-konvenut huwa moruż fil-ħlas tal-kera ta' tliet xhur konsekuttivi bejn Marzu 2021 u Ġunju 2021 fl-ammont totali ta' elf, tliet mija u ħamsin ewro (€1,350) għall-kirja tal-appartament internament immarkat bin-numru 9, Thezeldo Apartments, Triq Tan-Naħla, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex;

3. Jikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss jiżgombra minn dan il-fond mikri lilu;

4. Jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' €1,350 rappreżentanti ħlas ta' kera ta' tliet xhur bejn Marzu 2021 u Ġunju 2021, bl-imgħax legali mid-data ta' kull skadenza sal-effettiv pagament.

Dawn it-talbiet kollha qed isiru mingħajr preġudizzju għal drittijiet oħra spettanti lill-attur.

Bl-ispejjeż kollha inkluża VAT u inklużi dawk tal-ittra uffiċjali spedita f'Ġunju 2021.

Bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni.

Iffirmat

Av. Kevin Mompalao
Av. Andrew Sciortino
Mompalao Advocates, 12
Mompalao Advocates, 14
Triq Sir L. Camilleri, Ir-Rabat, Għawdex

Dan ir-rikors jinsab differit għat-8 ta' Frar, 2022, fil-11.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 18 ta' Jannar, 2022

SILVIO XERRI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribuanli (Għawdex)

Thus, let the defendant explain why this Honourable Board should not:

1. Decide the case by allowing the applicant's demands with costs in terms of the provisions of Article 16A of Cap. 69 of the Laws of Malta without proceeding to trial;

2. Declares that the defendant is in default of the payments of rent for three consecutive months between March 2021 till June 2021 for the total amount of one thousand and three hundred and fifty euro (€1,350) for the lease of the apartment number nine (9), Thezeldo Apartments, Triq Tan-Naħla, Marsalforn, limits of Żebbuġ, Gozo;

3. Orders the defendant to evict the premises within a short and peremptory period;

4. Condemns the defendant to pay the applicant the rent that has become due for the months from March 2021 till June 2021 for the total amount of one thousand and three hundred and fifty euro (€1,350), with legal interest from when each payment become due until full payment thereof.

The applicant reserves the right to any further judicial action against the defendant for other rights pertaining to him.

Defendant is to be condemned to pay the legal and judicial costs hereof as well as the costs of the judicial letter sent in June 2021.

Defendant is being from now onwards being subjected to the formal examination.

Signed

Adv. Kevin Mompalao
Adv. Andrew Sciortino
Mompalao Advocates, 12
Mompalao Advocates, 14
Triq Sir L. Camilleri, Victoria, Gozo

This appliation is adjourned for the 8th of February, 2022, at 11.00 a.m.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

This 18th of January, 2022

SILVIO XERRI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603